RAPPORT SPEĊJALI 18/2025 MT

# Flessibbiltà tal-baġit tal-UE

## Permezz tagħha, sfidi mhux previsti setgħu jiġu indirizzati, iżda l-qafas huwa kumpless wisq




@luzitanija - adobe.stock.com

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

# Werrej

Paragrafu


## 01 - 20 | Messaġġi prinċipali 01

**01 - 11 | Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?**

**12 - 20 | X'sibna u x'nirrakkomandaw**

## 21 - 93 | Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna 02

**21 - 32 | Il-ħtiġijiet ta' flessibbiltà ma ġewx identifikati u analizzati biżżejjed**

**33 - 56 | Sa issa, il-flessibbiltà tal-baġit ippermettiet lill-UE tirrispondi għal firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet, minkejja użu intensiv**

34 - 40 | L-ammonti ta' flessibbiltà tal-baġit tal-UE kienu fil-biċċa l-kbira fil-medda ta' parametri referenzjarji internazzjonali

41 - 56 | Il-qafas ta' flessibbiltà ta lok għall-finanzjament ta' firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet lil hinn mill-emerġenzi u mill-kriżijiet

**57 - 93 | Il-qafas ta' flessibbiltà tal-baġit tal-UE huwa kumpless wisq u xi għażliet ta' mobilizzazzjoni mhumiex ċari**

59 - 71 | Bosta għodod ta' flessibbiltà, li kultant jitrikkbu u ma jkollhomx prijoritizzazzjoni ċara, iżidu l-kumplessità mal-qafas

72 - 85 | Inġenerali, ir-regoli jiffaċilitaw il-mobilizzazzjoni fil-pront, iżda ma ġewx issimplifikati kemm jista' jkun

86 - 93 | Nuqqas ta' approċċ strutturat fid-dokumentazzjoni tal-analiżi dwar għażliet u ammonti alternattivi ta' finanzjament

## Annessi

**Anness I – Dwar l-awditu**

**Anness II – Rekwiżiti legali ewlenin**

**Anness III – L-użu tal-għodod ta' flessibbiltà fil-perjodu 2021–2024**

## Abbrevjazzjonijiet

## Glossarju

## Risposti tal-Kummissjoni

## Kronoloġija

## Tim tal-awditjar

# 01 Messaġġi prinċipali

## Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?

01 L-UE tuża baġits fit-tul, li bħalissa jkopru perjodu ta' 7 snin, magħrufa bħala oqfsa finanzjarji pluriennali (OFP). It-tfassil ta' QFP ġdid tipikament jibda madwar 3 snin qabel ma jibda l-QFP, li jfisser li jsir ippjanar sa 10 snin bil-quddiem. Il-QFP joperaw fi ħdan limiti annwali legalment vinkolanti: il-"limitu massimu tar-riżorsi proprji" għad-dħul tal-UE u l-"limitu massimu tal-QFP" għan-nefqa. L-għan ta' dawn il-limiti massimi huwa li żgur ikun hemm livell għoli ta' prevedibbiltà u stabbiltà.

02 Fl-istess ħin, il-baġit tal-UE jrid ikun flessibbli biżżejjed biex din tirreaġixxi għal ċirkustanzi li qed jinbidlu, speċjalment minħabba l-bosta kriżijiet reċenti u r-rieda politika li: (i) jissaħħaħ ir-rispons u l-preparatezza tal-UE għall-kriżijiet; (ii) tinbena u tiġi mmonitorjata r-reżiljenza; u (iii) jiġu indirizzati oqsma fejn l-UE hija esposta[1]. Skont il-Kummissjoni, huwa mistenni li livell adegwat ta' flessibbiltà tal-baġit jippermetti allokazzjoni effettiva tar-riżorsi u rispons rapidu tal-UE għal ċirkustanzi mhux previsti u għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza[2].

03 Il-flessibbiltà tal-baġit tal-UE tinkiseb permezz ta' kombinament ta' elementi baġitarji strutturali li jippermettu li r-riżorsi jiġu riallokati bejn prijoritajiet u snin baġitarji differenti, supplimentata b'marġnijiet u strumenti speċjali li jippermettu li jinżdiedu fondi addizzjonali man-nefqa inizjalment ippjanata. L-għodod ta' flessibbiltà jistgħu jinqasmu f'dawk li joperaw taħt il-limitu massimu tal-QFP, u dawk li jaqbżu l-limitu massimu (ara l-***Figura 1***).

[1] Il-paragrafu 8 tal-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill, 2021.

[2] Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027, Il-Kummissjoni Ewropea, 2018.

## Figura 1 | Għodod ta' flessibbiltà tal-baġit tal-UE fil-QFP 2021–2027




*Sors:* il-QEA, abbażi tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ir-Regolament dwar il-QFP 2021–2027) u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ir-Regolament Finanzjarju).

**04** L-awditu li wettaqna ffoka fuq l-għodod ta' flessibbiltà li jippermettu li tiġi ffinanzjata nefqa addizzjonali billi jinżdiedu approprjazzjonijiet ta' impenn mal-baġit adottat: (i) marġnijiet u (ii) strumenti speċjali. Il-*marġnijiet* huma ammonti mhux allokati li jirrappreżentaw id-differenza bejn il-limiti massimi tal-QFP u n-nefqa ppjanata għal kull kategorija ta' nfiq ("intestatura"). L-*istrumenti speċjali* jippermettu li jiġu mobilizzati riżorsi finanzjarji addizzjonali lil hinn mil-limitu massimu tal-QFP.

**05** Hemm żewġ tipi ta' strumenti speċjali: tematiċi u mhux tematiċi. L-istrumenti speċjali *tematiċi* jistgħu jipprovdu biss riżorsi addizzjonali għal avvenimenti predefiniti, kif ġej:

- il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (**FEG**) jappoġġa lill-ħaddiema ssensjati minħabba avvenimenti ta' ristrutturar kbar;
- ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (**SEAR**) tinkludi (i) ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea, li tipprovdi finanzjament għal diżastri kbar koperti mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (**FSUE**); u (ii) ir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (**EAR**), li tipprovdi assistenza f'sitwazzjonijiet oħra ta' emerġenza umanitarja u ċivili;

- ir-riżerva ta’ Aġġustament għall-Brexit (**BAR**) tappoġġa s-setturi affettwati mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE;
- żewġ strumenti ġodda introdotti fl-2024, l-Istrument EURI (Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru) u r-Riżerva għall-Ukrajna, għandhom l-għan rispettivament li jkopru żidiet mhux ippjanati fil-kostijiet tal-imgħax fuq is-self biex jitħallas il-pakkett ta’ rkupru tan-NextGenerationEU u jiffinanzjaw il-Faċilità għall-Ukrajna li għadha kif ġiet introdotta.

**06** L-istrumenti speċjali *mhux tematiċi* mhumiex limitati għal oqsma tematiċi speċifiċi jew avvenimenti predefiniti:

- l-Istrument ta’ Marġini Uniku (**SMI**) jippermetti li l-marġnijiet disponibbli jitmexxew bejn is-snin u bejn l-intestaturi;
- l-Istrument ta’ Flessibbiltà (**FLEX**) jippermetti li tiġi ffinanzjata nefqa speċifika mhux prevista.

**07** Skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni hija responsabbli biex tipproponi r-Regolament dwar il-QFP u biex tipproponi u timplimenta baġits annwali, inklużi l-arranġamenti ta’ flessibbiltà korrispondenti u l-mobilizzazzjoni tagħhom. L-adozzjoni u r-reviżjoni tar-Regolament dwar il-QFP jirrikjedu unanimità fil-Kunsill u approvazzjoni mingħand il-Parlament. L-adozzjoni tal-baġits tirrikjedi l-qbil kemm tal-Parlament kif ukoll tal-Kunsill, l-“awtorità baġitarja” tal-UE (b’maġġoranza kwalifikata).

**08** L-ammonti inizjali disponibbli għall-marġnijiet u għall-istrumenti speċjali fil-QFP 2021–2027 (ara l-***Figura 2***) taw lok għal żieda fin-nefqa totali tal-QFP sa 2.4 % (EUR 26 biljun). Ir-reviżjoni ta’ nofs it-terminu tal-QFP tal-2024 saħħaħ l-istrumenti speċjali SEAR u FLEX, li żiedu l-flessibbiltajiet inizjali sa 2.6 % tan-nefqa totali tal-QFP (madwar EUR 28 biljun). Introduċiet ukoll żewġ strumenti speċjali ġodda: l-istrument EURI u r-Riżerva għall-Ukrajna.

### Figura 2 | Ammonti inizjali disponibbli għall-marġnijiet u għall-istrumenti speċjali fil-QFP 2021–2027

*(ċifri tal-QFP adottat tal-2020, EUR biljun, prezzijiet tal-2018)*




- Strumenti speċjali mhux tematiċi
- Strumenti speċjali tematiċi
- Marġnijiet

**SMI** Strument ta' Marġni Uniku
**FLEX** Strument ta' Flessibbiltà
**BAR** Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit
**FEG** Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati
**SEAR** Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza

*Sors:* il-QEA, abbażi ta' informazzjoni mingħand il-Kummissjoni, "The EU's 2021-2027 long-term budget and NextGenerationEU — Facts and figures", ir-Regolament dwar il-QFP 2021–2027 inizjali.

**09** F'dan l-awditu, ivvalutajna jekk l-għodod ta' flessibbiltà tal-baġit tal-UE għall-QFP 2021–2027 kinux imfassla tajjeb u jekk l-użu tagħhom kienx ġustifikat, u jekk ġiex evitat ir-riskju li l-għodod jiddeterjoraw b'mod eċċessiv matul is-snin inizjali tal-QFP. L-awditu ffoka fuq il-fasla u l-mobilizzazzjoni tal-istrumenti speċjali rilevanti u fuq l-użu tal-marġnijiet mill-2021 sal-2024, inkluża r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP.

10 Il-Kummissjoni se tippreżenta l-proposta tagħha għall-QFP ta' wara l-2027 sa nofs l-2025. Hekk kif l-UE tindirizza l-isfidi li qed jinħolqu mill-kriżijiet li qed jevolvu, il-pressjoni għal mekkaniżmi ta' rispons rapidi u effettivi fil-livell tal-UE se tiżdied. Aħna għandna l-għan li nikkontribwixxu għad-dibattitu sussegwenti dwar il-fasla tal-QFP li jmiss billi nipprovdu l-analiżi tagħna tal-fasla u l-użu tal-għodod ta' flessibbiltà fil-QFP kurrenti.

11 Għal aktar informazzjoni ġenerali, u dettalji dwar l-ambitu u l-approċċ tal-awditjar, ara l-***Anness I***. Dettalji dwar ir-rekwiżiti legali ewlenin huma ppreżentati fl-***Anness II***.

# X'sibna u x'nirrakkomandaw

12 L-awditu li wettaqna żvela li l-proposta tal-QFP 2021–2027 tal-Kummissjoni ma kinitx ibbażata fuq identifikazzjoni u analiżi suffiċjenti tal-ħtiġijiet u r-riskji li l-baġit tal-UE jenħtieġ li jkun kapaċi jindirizza. Għalkemm, b'mod ġenerali, l-arranġamenti ta' flessibbiltà tal-baġit tal-UE ppermettew lill-baġit tal-UE jirrispondi għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti, ċerti għodod ta' flessibbiltà tnaqqsu kull sena fl-ewwel parti tal-QFP. Barra minn hekk, il-qafas ta' flessibbiltà huwa kumpless wisq, b'sekwenza mhux ċara rigward l-użu tal-għodod ta' flessibbiltà u bi trikkib okkażjonali bejniethom. Dan jagħmilha diffiċli li tinkiseb stampa ċara u sħiħa tal-funzjonament tal-qafas.

## Il-ħtiġijiet ta' flessibbiltà ma ġewx identifikati u analizzati biżżejjed

13 Il-proposta inizjali tal-Kummissjoni għall-QFP 2021–2027 enfasizzat l-importanza ta' aktar flessibbiltà fil-baġit tal-UE. Il-proposta ġġustifikat din l-importanza bl-użu intensiv ta' strumenti speċjali (lil hinn mil-limitu massimu tal-QFP) matul il-QFP 2014–2020 biex jiġu indirizzati sfidi bla preċedent marbuta mal-instabbiltà fil-viċinat tal-UE u l-movimenti migratorji tal-massa. Madankollu, il-proposta għal għodod ta' flessibbiltà ma ġietx ġustifikata biżżejjed b'analiżi tal-ħtiġijiet u tar-riskju dettaljata u li tħares 'il quddiem.

14 Il-Kummissjoni ma evalwatx il-funzjonament tal-għodod ta' flessibbiltà preċedenti kollha biex tissostanzja l-proposta għall-marġnijiet, u ħalliet barra l-SMI, il-FLEX u l-EAR. Għall-FEG u għall-FSUE, l-evalwazzjonijiet li twettqu ma analizzawx il-ħtiġijiet futuri f'ambjent li qed jinbidel. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma użatx analiżi tal-previżjoni jew tax-xejriet, b'mod partikolari fil-kuntest tad-diżastri naturali. Ara l-paragrafi ***21*** sa ***32***.

### Rakkomandazzjoni 1

**Appoġġ aħjar għat-teħid ta' deċiżjonijiet għat-tfassil tal-qafas ta' flessibbiltà tal-QFP futur**

Għall-QFP futuri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tappoġġa l-fasla tal-qafas ta' flessibbiltà, inkluż id-daqs tiegħu, billi tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) it-tip ta' avvenimenti potenzjali li l-flessibbiltajiet proposti tal-baġit tal-UE jenħtieġ li jkunu jistgħu jindirizzaw;

(b) valutazzjoni kwalitattiva u, fejn possibbli, kwantitattiva tal-ħtiġijiet ta' flessibbiltà, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-probabbiltà u l-impatt potenzjali tal-avvenimenti li jridu jiġu indirizzati; u

(c) evalwazzjoni komprensiva tal-qafas li jeżisti tal-flessibbiltà tal-baġit tal-UE.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2026 (imbagħad kontinwa).**

## Sa issa, il-flessibbiltà tal-baġit ippermettiet lill-UE tirrispondi għal firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet, minkejja użu intensiv

**15** Għalkemm il-parametri referenzjarji internazzjonali huma primarjament immirati lejn il-baġits nazzjonali, dawn jistgħu jservu wkoll ta' prinċipji gwida għall-baġit tal-UE, li għandu karatteristiċi distinti. Fil-ġestjoni finanzjarja pubblika, il-fondi ta' kontinġenza għal avvenimenti mhux previsti tipikament ivarjaw minn 2 % sa 3 % tal-infiq, u l-ammonti ta' flessibbiltà tal-baġit tal-UE kienu ġeneralment konformi ma' dawn il-parametri referenzjarji (ara l-paragrafi *34* sa *40*).

**16** Minkejja dan, il-flessibbiltà tal-baġit tal-UE ntużat b'mod intensiv biex takkomoda l-ħtiġijiet li qed jitfaċċaw kontinwament. Ċerti għodod ta' flessibbiltà tnaqqsu b'mod konsistenti fl-ewwel parti tal-QFP, u dan malajr naqqas id-disponibbiltà tagħhom għall-bqija tal-perjodu. L-avvenimenti ewlenin li l-aktar żiedu l-ħtieġa ta' flessibbiltajiet tal-QFP kienu l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, il-kriżijiet umanitarji u tal-enerġija, id-diżastri naturali frekwenti u fuq skala kbira, u l-inflazzjoni li qed tiżdied b'mod qawwi. Innutajna nuqqas ta' mekkaniżmi ddedikati taħt il-limitu massimu tal-QFP biex itaffu l-inċertezza fl-istimi rigward il-kostijiet tal-imgħax dovuti. Lanqas ma hemm xi dispożizzjoni fi ħdan il-qafas tal-QFP biex jiġi attivat l-ibbaġitjar għall-kriżijiet għal emerġenzi sinifikanti u ta' eċċezzji, apparti mir-reviżjoni tal-QFP. Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP kien meħtieġ sabiex tiġi indirizzata ż-żieda fl-impatt ta' sfidi bħal dawn. Ara l-paragrafi *41* sa *49*.

17 Fil-każijiet li ħadna bħala kampjun, il-Kummissjoni pproponiet il-mobilizzazzjoni ta' strumenti speċjali tematiċi f'konformità mal-iskop u l-ambitu speċifiċi tagħhom. Il-qafas legali ma jispeċifikax sa liema punt il-marġnijiet u l-istrumenti speċjali mhux tematiċi jenħtieġ li jintużaw għal skopijiet differenti. Dan ippermetta lill-Kummissjoni tipproponi l-użu tagħhom biex tindirizza firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet. Fil-perjodu 2021–2024, dawn ma kinux jinkludu biss ir-rispons għall-emerġenzi, iżda wkoll l-indirizzar tal-impatt ta' inflazzjoni ogħla milli mistenni fuq il-kostijiet ipprogrammati, it-tisħiħ tal-programmi tal-QFP li kienu diġà jeżistu, u l-ħolqien ta' programmi ġodda tal-QFP marbuta ma' bidliet fil-prijoritajiet politiċi. Filwaqt li din il-fasla ta' qafas toffri aktar flessibbiltà, fl-aħħar mill-aħħar tnaqqas l-ammonti disponibbli għall-emerġenzi. Ara l-paragrafi ***50*** sa ***56***.

## Il-qafas ta' flessibbiltà tal-baġit tal-UE huwa kumpless wisq

18 Diversi għodod ta' flessibbiltà, li kultant jitrikkbu u ma jkollhomx prijoritizzazzjoni ċara, iżidu l-kumplessità tal-ġestjoni finanzjarja u tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Sibna trikkib bejn (i) strumenti speċjali mhux tematiċi li jistgħu jintużaw għal firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet u (ii) strumenti speċjali tematiċi u programmi ta' nfiq tal-QFP li jistgħu jiffinanzjaw l-istess tip ta' ħtiġijiet. Barra minn hekk, ma hemmx stabbilita b'mod ċar sekwenza għall-użu ta' flessibbiltajiet baġitarji integrati, marġnijiet taħt il-limitu massimu tal-QFP u strumenti speċjali lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP (ara l-paragrafi ***59*** sa ***71***).

19 Sibna li r-regoli u l-proċeduri li jeżistu ffaċilitaw il-mobilizzazzjoni fil-pront tal-għodod ta' flessibbiltà, iżda ma kinux issimplifikati kemm jista' jkun (ara l-paragrafi ***72*** sa ***85***).

## Rakkomandazzjoni 2

### Simplifikazzjoni tal-qafas ta’ flessibbiltà tal-QFP u tal-proċess deċiżjonali

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi li l-qafas ta’ flessibbiltà jiġi simplifikat għall-QFP li jmiss, mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni tal-leġiżlaturi, b’mod partikolari permezz ta’:

(a) ġbir flimkien tal-marġnijiet annwali disponibbli taħt il-limitu massimu tal-QFP fi strument uniku, u dan jitħalla jintuża fl-oqsma kollha ta’ politika fil-baġit(s) annwali jew emendatorju/i;

(b) ħolqien ta’ strument speċjali uniku lil hinn mil-limitu massimu tal-QFP għal avvenimenti mhux previsti u għal ħtiġijiet ta’ emerġenza;

(c) stabbiliment ta’ sekwenza ċara għall-użu ta’ marġnijiet u strument(i) speċjali, filwaqt li tingħata prijorità lill-użu ta’ ammonti li joriġinaw taħt il-limitu massimu tal-QFP; u

(d) inkorporazzjoni tal-finanzjament ta’ avvenimenti predefiniti li jkunu koperti minn leġiżlazzjoni settorjali għal ġewwa riżervi tal-programmi ta’ programmi futuri minflok l-użu ta’ strumenti tematiċi speċjali ’l fuq mil-limitu massimu tal-QFP.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2026.**

20 L-analiżi li l-Kummissjoni wettqiet ta’ għażliet alternattivi ta’ finanzjament permezz tar-riallokazzjoni u l-kalkolu tal-ammonti meħtieġa għal ħtiġijiet ġodda ma kinitx dokumentata kif xieraq f’ċerti każijiet. Dan naqqas iċ-ċarezza dwar il-proċess u l-għażliet li saru. Ara l-paragrafi *86* sa *93*.

## Rakkomandazzjoni 3

### Jittejbu l-proċeduri tal-Kummissjoni għall-eżaminar tal-għażliet ta’ riallokazzjoni u ta’ prijoritizzazzjoni mill-ġdid

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddefinixxi l-passi u r-rwoli ewlenin għall-proċeduri ta’ riallokazzjoni u ta’ prijoritizzazzjoni mill-ġdid meta tidentifika riżorsi baġitarji biex tindirizza ħtiġijiet ġodda, u jenħtieġ li tiddokumenta l-eżami tal-għażliet differenti.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2026.**

02

# Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna

## Il-ħtiġijiet ta' flessibbiltà ma ġewx identifikati u analizzati biżżejjed

21 Ambjent dejjem aktar kumpless, frammentat u imprevedibbli jirrikjedi tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza li jista' jkollu rwol kruċjali fit-tfassil, l-implimentazzjoni u t-twettiq ta' politiki pubbliċi aħjar[3].

22 Ġestjoni effettiva tar-riskju[4] tuża l-aħjar informazzjoni disponibbli biex tanalizza r-riskji abbażi ta' *data* storika, informazzjoni attwali, u aspettattivi futuri. Hija tqis l-inċertezzi, is-sorsi ta' riskju, il-konsegwenzi, il-probabbiltà, l-avvenimenti u x-xenarji, kif ukoll il-kuntest estern tal-organizzazzjoni.

23 Skont il-Kunsill, il-preparatezza proattiva għall-kriżijiet tirrikjedi: previżjoni, rieżaminar regolari u antiċipazzjoni tar-riskji; identifikazzjoni tal-impatti li dawn ir-riskji jaf ikollhom f'setturi differenti, kemm fl-Istati Membri individwali kif ukoll fil-viċinat; u valutazzjoni ta' kif dawn l-impatti jistgħu jittaffew u jiġu indirizzati bl-aħjar mod[5].

24 Il-prinċipji tal-OECD dwar il-governanza baġitarjajiddikjaraw li l-prestazzjoni, l-evalwazzjoni u l-valur għall-flus jenħtieġ li jkunu integrali għall-proċess baġitarju (il-prinċipju 8).

---

3 Building capacity for evidence-informed policy-making: Lessons from country experiences, OECD, 2020.

4 L-istandard internazzjonali ISO 31000:2018 Risk management — Guidelines.

5 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tat-tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri, 2021

25 Aħna vvalutajna jekk il-Kummissjoni fasslitx l-għodod ta' flessibbiltà tal-baġit u jekk ipproponietx l-ammonti korrispondenti għall-QFP kurrenti abbażi ta' analiżi rigoruża tal-ħtiġijiet u r-riskji potenzjali filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni l-kriterji msemmija hawn fuq.

26 Il-proposta inizjali tal-Kummissjoni għall-QFP 2021–2027[6] (fl-2018) enfasizzat il-ħtieġa ta' aktar flessibbiltà tal-baġit tal-UE, u ġġustifikat din il-ħtieġa bl-użu intensiv ta' strumenti speċjali (lil hinn mil-limitu massimu tal-QFP) matul il-QFP 2014–2020 biex jiġu indirizzati sfidi bla preċedent marbuta mal-instabbiltà fil-viċinat tal-UE u l-movimenti migratorji tal-massa. L-analiżi li wettaqna kkonfermat id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-għodod ta' flessibbiltà ntużaw b'mod intensiv (ara l-***Figura 3***).

[6] COM(2018) 322.

## Figura 3 | L-għodod ta' flessibbiltà ntużaw b'mod intensiv fil-QFP 2014–2020




*Noti:* il-figura turi l-marġnijiet totali effettivament disponibbli matul il-QFP 2014–2020 (ara l-paragrafu ***12*** fl-***Anness I***).
Fil-QFP 2014–2020, l-istrumenti speċjali tal-"Marġni ta' Kontinġenza" u l-"Marġni Globali għall-Impenji" ippermettew li l-marġnijiet disponibbli jitmexxew bejn is-snin u bejn l-intestaturi b'mod simili għall-SMI fil-QFP 2021–2027.

*Sors:* il-QEA, abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 (ir-Regolament dwar il-QFP 2014–2020), l-abbozzi ta' baġits, il-baġits adottati u l-baġits emendatorji għall-perjodu 2014–2020 u *data* pprovduta mill-Kummissjoni dwar l-istrumenti speċjali.

**27** Il-proposta tal-Kummissjoni tal-2018 issuġġeriet li titkompla l-istess taħlita ta' għodod ta' flessibbiltà bħal fil-QFP preċedenti (ara l-***Figura 3***), iżda b'ammonti miżjuda. Wara t-tifqigħa tal-COVID-19 fl-2020, il-Kummissjoni aġġornat il-proposta tal-QFP[7], u kompliet iżżid l-ammonti għall-biċċa l-kbira mill-għodod ta' flessibbiltà biex tenfasizza l-ħtieġa ta' baġit tal-UE aktar flessibbli. Madankollu, in-negozjati politiċi naqqsu l-ammonti finali disponibbli għal dawn l-għodod, li madankollu kienu ogħla milli fil-QFP preċedenti ħlief għal marġnijiet mhux allokati (ara t-***Tabella 1***).

[7] COM(2020) 443.

### Tabella 1 | Żdiedu l-ammonti għal strumenti speċjali bejn il-QFP 2014–2020 u l-QFP 2021–2027, filwaqt li naqsu l-marġnijiet mhux allokati

| Għodda ta' flessibbiltà | | Medja tal-QFP 2014-2020 (tal-inizjali u tar-rivedut mill-2017) / Marġnijiet miftiehma | Proposta tal-QFP 2021–2027, 2018 | Bidliet meta mqabbla mal-QFP preċedenti | Proposta aġġornata tal-QFP 2021–2027, 2020 | Bidliet meta mqabbla mal-QFP preċedenti | QFP adottat / Marġnijiet miftiehma | Bidliet meta mqabbla mal-QFP preċedenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *a* | | *b* | *c* | *d = (c-b)/b* | *e* | *f = (e-b)/b* | *g* | *h = (g-b)/b* |
| *L-ammonti annwali (miljun EUR) — prezzijiet tal-2018* | | | | | | | | |
| **FEG** | | 172 | 200 | **16 %** | 386 | **124 %** | 186 | **8 %** |
| **SEAR** | FSUE | 574 | 600 | **4 %** | 1 000 | **74 %** | 1 200 | **32 %** |
| | EAR | 333 | 600 | **80 %** | 3 000 | **800 %** | | |
| **FLEX** | | 615 | 1 000 | **63 %** | 1 000 | **63 %** | 915 | **49 %** |
| *Ammonti totali għall-perjodu 2021–2027 (miljun EUR) – prezzijiet tal-2018* | | | | | | | | |
| **Marġnijiet** | | 7 078 | 24 796 | **250 %** | 11 171 | **58 %** | 4 891 | **-31 %** |
| **BAR** | | | **Mhux applikabbli** | **Mhux applikabbli** | **5 000** | **Mhux applikabbli** | **5 000** | **Mhux applikabbli** |

*Nota:* it-tabella tqabbel il-marġnijiet inizjalment disponibbli mal-adozzjoni taż-żewġ OFP. Il-marġnijiet effettivament disponibbli matul il-QFP 2014–2020 qabżu t-EUR 13-il biljun.

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni u r-Regolamenti dwar il-QFP għall-perjodi 2014–2020 u 2021–2027.

**28** Ir-rieżami li wettaqna tad-dokumenti tal-Kummissjoni żvela li ż-żidiet proposti għall-għodod ta' flessibbiltà ma kinux ġustifikati minn analiżi dettaljata tal-ħtiġijiet u tar-riskji li tħares 'il quddiem. Il-Kummissjoni bbażat il-bidliet fl-ammonti tal-FLEX, tal-FEG, tal-FSUE u tal-EAR fuq l-użu preċedenti, mingħajr ġustifikazzjoni ulterjuri, filwaqt li ma saret l-ebda analiżi tax-xejriet fl-użu tal-marġnijiet. Il-ħtiġijiet ta' flessibbiltà ddikjarati u l-ammonti proposti ma kinux appoġġati minn previżjoni, tbassir, simulazzjonijiet, jew valutazzjoni komparattiva bir-reqqa.

**29** Minkejja li pprovdiet infiq addizzjonali sinifikanti għall-programmi tal-QFP, il-Kummissjoni ma evalwatx il-funzjonament tal-marġnijiet, tal-SMI u tal-FLEX (strumenti speċjali mhux tematiċi), jew tal-EAR (strument speċjali tematiku mhux marbut ma' att legali settorjali speċifiku). Ir-rekwiżit tar-Regolament Finanzjarju[8] li jitwettqu evalwazzjonijiet *ex ante* u retrospettivi ma japplikax għal dawn l-għodod ta' flessibbiltà, billi tali evalwazzjonijiet jitwettqu għall-programmi ta' nfiq li huma jappoġġaw. Il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni[9], bid-dokumenti ta' ħidma tal-persunal inklużi, ipprovdew deskrizzjoni qasira tal-użu preċedenti ta' strumenti speċjali mhux tematiċi. Inqisu li dan ma kienx komprensiv biżżejjed biex jiġi vvalutat kemm dawn l-għodod ta' flessibbiltà ssodisfaw l-iskop tagħhom b'mod effettiv u kif dak jista' jittieħed inkunsiderazzjoni fil-futur. Lanqas mhuwa konformi mal-prinċipji effettivi tal-ġestjoni tar-riskju u mat-tfassil tal-politika mmexxi mid-*data*.

**30** B'kuntrast ma' dan, l-istrumenti speċjali tematiċi tal-FEG u tal-FSUE għandhom rekwiżiti ta' rappurtar dettaljati f'konformità mar-Regolament Finanzjarju[10] u mal-atti legali settorjali rispettivi tagħhom. Għalkemm il-Kummissjoni vvalutat l-esperjenza preċedenti tal-mobilizzazzjoni ta' dawn l-istrumenti speċjali fl-evalwazzjonijiet[11] u fir-rapporti annwali tagħha, hija ma analizzatx il-ħtiġijiet futuri għal dawn l-għodod f'ambjent li qed jinbidel. Il-proposta inizjali tal-Kummissjoni għall-ammonti tal-FSUE qablet biss mal-QFP preċedenti, mingħajr ma qieset iż-żidiet proġettati f'avvenimenti estremi tat-temp fl-Ewropa[12]. B'kuntrast ma' dan, il-Kummissjoni pproponiet żieda sinifikanti fl-ammonti tal-FEG minkejja t-tnaqqis fid-domanda għall-għodda, u mingħajr ma analizzat ix-xejriet fis-suq tax-xogħol jew fir-ristrutturar tal-kumpaniji.

---

[8] L-Artikolu 34 tar-Regolament Finanzjarju (2018/1046, l-istess 2024/2509 (riformulazzjoni)).

[9] Il-Komunikazzjoni dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014–2020, 2016; il-Komunikazzjoni dwar il-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021–2027, 2018.

[10] L-Artikolu 34 tar-Regolament Finanzjarju (2018/1046, l-istess 2024/2509 (riformulazzjoni)).

[11] *Ex post* evaluation of the European Union Solidarity Fund 2002–2016, il-Kummissjoni Ewropea, 2018; ir-Rapport mill-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG), il-Kummissjoni Ewropea (2018), ir-Rapport mill-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni *ex post* tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni 2014–2020, il-Kummissjoni Ewropea, 2021.

[12] Overview of natural and man-made disaster risks the European Union may face, il-Kummissjoni Ewropea, 2014, 2017; Climate impacts in Europe (Proġetti Peseta II, III), iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, 2014 u 2018.

**31** Matul in-negozjati tal-QFP, f'Lulju 2020 il-Kunsill Ewropew qabel li jistabbilixxi strument speċjali tematiku temporanju lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP u talab lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva[13]. Dan l-istrument, il-BAR, tfassal bħala għodda ta' solidarjetà biex jittaffew il-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u tinżamm il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Billi l-inizjattiva ġiet mingħand il-Kunsill, u minħabba l-urġenza, il-Kummissjoni ma wettqitx valutazzjoni tal-impatt qabel ma ħarġet il-proposta tagħha għar-Regolament dwar il-BAR f'Diċembru 2020. Konsegwentement, ma ġewx applikati l-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar[14], u ma ġewx ivvalutati l-aħjar approċċi u soluzzjonijiet alternattivi ta' finanzjament.

**32** Innutajna li sat-30 ta' Ġunju 2027 il-BAR jeħtiġilha twettaq evalwazzjoni tal-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE[15]. Dan huwa ferm wara d-data ta' skadenza ta' Ġunju 2025 għall-proposta tal-Kummissjoni tal-QFP ta' wara l-2027 u 6 xhur biss qabel id-data tal-bidu tal-QFP il-ġdid. Dan se jagħmilha diffiċli biex jitqiesu t-tagħlimiet meħuda għall-QFP li jmiss.

## Sa issa, il-flessibbiltà tal-baġit ippermettiet lill-UE tirrispondi għal firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet, minkejja użu intensiv

**33** Aħna vvalutajna jekk, b'mod ġenerali, l-ammonti disponibbli ta' għodod ta' flessibbiltà mill-2021 sal-2024 ippermettewx lill-baġit tal-UE jindirizza l-ħtiġijiet emerġenti filwaqt li fl-istess ħin iżomm biżżejjed flessibbiltà għall-bqija tal-QFP. Barra minn hekk, iċċekkjajna jekk il-mobilizzazzjonijiet proposti mill-Kummissjoni kinux ġustifikati f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji u mal-iskop maħsub tal-għodod.

---

[13] Il-paragrafu 134 tal-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill, 2020.

[14] Il-paragrafi 12 sa 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, 2016.

[15] L-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2021/1755 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit.

## L-ammonti ta' flessibbiltà tal-baġit tal-UE kienu fil-biċċa l-kbira fil-medda ta' parametri referenzjarji internazzjonali

**34** Fil-valutazzjoni li wettaqna, użajna l-parametri referenzjarji li ġejjin: standards internazzjonali, l-aħjar prattika, u rakkomandazzjonijiet dwar governanza baġitarja tajba u ġestjoni finanzjarja pubblika. Għalkemm dawn il-parametri referenzjarji huma primarjament immirati lejn il-baġits nazzjonali, jistgħu jservu wkoll ta' prinċipji gwida għall-baġit tal-UE, li għandu karatteristiċi speċifiċi kif inhuwa deskritt fl-***Anness I***.

**35** Għall-oqfsa ta' nfiq fuq terminu medju, il-prattiki ta' ġestjoni finanzjarja pubblika jindikaw il-ħtieġa li jiġu stabbiliti riżervi li jindirizzaw devjazzjonijiet baġitarji ta' rutina u li huma bejn 2 % u 3 % tal-infiq biex tinżamm il-kredibbiltà tal-baġit (esklużi l-fondi għad-diżastri)[16]. Tali riżervi huma kumparabbli mal-marġnijiet u r-riżervi tal-programmi operazzjonali taħt il-limitu massimu tal-QFP fil-baġit tal-UE. Fondi għad-diżastri jew fondi simili jirrikjedu valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju biex jiġi ddeterminat id-daqs tagħhom, filwaqt li devjazzjonijiet akbar jenħtieġ li jiġu indirizzati permezz ta' aġġustamenti fil-baġit. Fil-baġit tal-UE, dan huwa kymparabbli mal-istrumenti speċjali lil hinn mil-limitu massimu tal-QFP u l-għażla ta' reviżjoni tal-QFP[17].

**36** Barra minn hekk, kriżijiet sinifikanti jaf jirrikjedu bbaġitjar għall-kriżijiet li jbiddel temporanjament l-ibbaġitjar konvenzjonali minħabba pressjonijiet kbar fuq il-politiki u l-prattiki stabbiliti. Il-pressjonijiet jistgħu jinkludu diżastri naturali sinifikanti, problemi ekonomiċi, kriżijiet tas-saħħa, u kunflitti. L-ibbaġitjar għall-kriżijiet jaf iseħħ permezz ta' emendi baġitarji, riallokazzjoni, fondi ekstrabaġitarji u fondi ta' riżerva ta' kontinġenza[18].

**37** Il-prinċipji tal-OECD dwar il-governanza baġitarja tajba jenfasizzaw l-importanza ta' mekkaniżmi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-pjanijiet baġitarji u jittaffa l-impatt potenzjali tar-riskji b'konsegwenzi finanzjarji, biex b'hekk żgur il-finanzi pubbliċi jkunu stabbli. Eżempju ta' riskju bħal dan huwa ż-żieda fl-inflazzjoni li taffettwa l-kostijiet tal-baġit.

---

[16] Il-Kapitolu 10 "Medium-term expenditure frameworks", James Brumby u Richard Hemming, f'The international handbook of public financial management, 2013. Ara wkoll il-Framework for assessing public financial management, Public Expenditure and Financial Accountability, 2019 u Beyond the annual budget: Global experience with medium term expenditure frameworks, Il-Bank Dinji, 2013.

[17] L-Artikolu 13 tar-Regolament dwar il-QFP 2021–2027.

[18] Il-Kapitolu 2 "Crisis budgeting tools and trends", Global report on public financial management, Public Expenditure and Financial Accountability, 2022.

38 Kif jidher fil-*Figura 2* hawn fuq, il-flessibbiltà inizjali mingħand il-QFP 2021–2027 ippermettiet żieda fl-infiq tal-baġit tal-UE sa EUR 26 biljun fil-prezzijiet tal-2018 jew EUR 29.1 biljun fil-prezzijiet kurrenti, li huma ekwivalenti għal 2.4 % tal-limitu massimu tal-QFP. Dan huwa maqsum bejn marġnijiet mhux allokati taħt il-limitu massimu (0.45 %) u strumenti speċjali lil hinn minnu (1.95 %). Il-marġnijiet bħala riżervi ta' rutina huma taħt it-2 sa 3 % tipiċi tal-infiq komuni fil-ġestjoni finanzjarja pubblika (ara l-paragrafu *35*). Madankollu, dan ma jqisx ir-riżervi ta' emerġenza integrati fil-programmi tal-QFP u l-fatt li l-marġnijiet jaf jiżdiedu matul l-implimentazzjoni tal-QFP minħabba tfaddil, irkupri, dħul assenjat intern, riprogrammazzjoni, jew sottoimplimentazzjoni ta' ċerti programmi. Ir-riżervi tal-programmi integrati ammontaw għal EUR 18.5-il biljun (fil-prezzijiet kurrenti)[19], jew 1.5 % tal-limitu massimu tal-QFP. Il-flessibbiltà tal-baġit tal-UE hija fi ħdan il-firxa ta' parametri referenzjarji internazzjonali

39 Fl-istħarriġ tal-awditu li wettaqna, staqsejna lill-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew (EP BUDG) u lir-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE fil-Kumitat tal-Baġit tal-Kunsill dwar il-perċentwal ottimali tal-limitu massimu tal-QFP għall-flessibbiltà kumplessiva tal-baġit tal-UE fil-bidu ta' kwalunkwe QFP, bl-esklużjoni ta' programmi sinifikanti ta' assistenza finanzjarja bħar-Riżerva għall-Ukrajna.

40 Ir-risposti indikaw aspettattiva li l-flessibbiltà tal-baġit tal-UE tista' taqbeż dak li tipikament jissuġġerixxu l-prattiki tal-ġestjoni finanzjarja pubblika. L-EP BUDG ma speċifikax ċifra preċiża iżda qies li fil-futur hija meħtieġa żieda sostanzjali fil-flessibbiltà biex żgur jitħallas lura d-dejn sostenibbli u biex ikun hemm rispons effettiv għall-kriżijiet u għall-l-ħtiġijiet ta' politika emerġenti. Madwar nofs is-17-il Stat Membru li rrispondew issuġġerew firxa ta' 2.1 % sa 5.0 % tal-limitu massimu tal-QFP.

## Il-qafas ta' flessibbiltà ta lok għall-finanzjament ta' firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet lil hinn mill-emerġenzi u mill-kriżijiet

41 Skont ir-regolament dwar il-QFP, l-istrumenti speċjali tematiċi huma mfassla għal skopijiet speċifiċi, filwaqt li l-istrumenti speċjali mhux tematiċi u l-marġnijiet mhumiex ristretti għal xi skop partikolari (ara l-*Anness II*). Ir-regoli ta' mobilizzazzjoni għal żewġ strumenti speċjali, FLEX (mhux tematiku b'ambitu wiesa') u l-EAR (tematiku b'ambitu limitat), jirrikjedu li n-nefqa tkun "mhux prevista". Madankollu, il-kunċett ta' "mhux prevista" u t-tip ta' avvenimenti mhux previsti ma ġewx iddefiniti.

[19] COM(2025) 46 u r-regolamenti tal-programmi.

## L-użu intensiv ta' għodod ta' flessibbiltà

**42** Fl-ewwel 3 snin tal-QFP 2021–2027, intużaw EUR 12.4-il biljun, jew 42 % tal-ammont inizjali miftiehem għall-istrumenti speċjali u għall-marġnijiet. L-avvenimenti ewlenin li l-aktar żiedu l-ħtieġa ta' flessibbiltajiet tal-QFP kienu l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, il-kriżijiet umanitarji u tal-enerġija, id-diżastri naturali frekwenti u fuq skala kbira, u l-inflazzjoni li qed tiżdied b'mod qawwi. Minħabba sfidi bla preċedent ikkawżati mill-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna u l-ħtieġa ta' appoġġ fit-tul lill-Ukrajna, il-Kummissjoni pproponiet reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP fl-2023[20]. Il-Kunsill emenda l-QFP fi Frar 2024.

**43** Qabel ma l-QFP ġie emendat, l-użu ta' għodod ta' flessibbiltà wara l-adozzjoni tal-baġit tal-UE għall-2024 kien laħaq madwar nofs id-disponibbiltà totali għall-QFP 2021–2027 (ara l-***Figura 4***). Dan juri li, b'mod ġenerali, il-flessibbiltà tal-baġit tal-UE rnexxielha tindirizza l-għadd dejjem jikber ta' ħtiġijiet emerġenti. Madankollu, l-użu intensiv ta' ċerti għodod ta' flessibbiltà (b'mod partikolari FLEX u SEAR) fl-ewwel parti tal-perjodu tal-QFP malajr naqqas id-disponibbiltà tagħhom għall-bqija tal-perjodu (ara l-***Anness III***). Id-disponibbiltajiet annwali tas-SEAR kienu eżawriti għalkollox kull sena sar-rieżami tal-QFP. Ir-riskju ta' tnaqqis ulterjuri sar evidenti mhux biss għas-SEAR, iżda wkoll għall-FLEX u għall-marġnijiet, minħabba l-użu kbir antiċipat fis-snin li ġejjin. Konsegwentement, ir-reviżjoni tal-QFP serviet ta' verifika kruċjali tar-realtà u opportunità biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' tnaqqis ulterjuri ta' dawn l-għodod ta' flessibbiltà u biex tittieħed deċiżjoni strateġika dwar l-appoġġ fit-tul għall-Ukrajna.

[20] COM(2023) 336.

### Figura 4 | Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu żied l-ammonti disponibbli għall-FLEX u s-SEAR għall-perjodu 2021–2027 minħabba l-użu intensiv ħafna li kien antiċipat

*(EUR miljun, prezzijiet kurrenti)*




*Nota:* l-ammonti ta' użu tal-2024 jinkludu dawk adottati fil-baġit annwali tal-2024, l-aħħar dokument baġitarju qabel l-adozzjoni tar-reviżjoni tal-QFP fi Frar 2024.

*Sors:* il-QEA, abbażi tar-Regolament dwar il-QFP 2021–2027, dokumenti baġitarji u *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

44 Id-domanda intensiva għas-SEAR, li tinkludi l-FSUE u l-EAR, enfasizzat ħtiġijiet akbar marbuta mal-iskop ta' dawn l-għodod: l-okkorrenza u l-iskala tad-diżastri naturali (FSUE), u l-emerġenzi u l-kriżi umanitarja fil-viċinat tal-UE minħabba l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna (EAR). Il-ħtiġijiet finanzjarji għaż-żewġ tipi ta' emerġenza jaqbżu bil-kbir ir-riżorsi disponibbli, u dan jagħti x'jifhem li kwalunkwe ammont allokat għandu mnejn ma jkunx biżżejjed biex jissodisfa d-domanda. Il-FSUE u l-EAR kienu kważi eżawriti għalkollox kemm fil-perjodu preċedenti (ara l-*Figura 3* kif ukoll f'dak kurrenti tal-QFP, minkejja li żdiedu l-allokazzjonijiet. Barra minn hekk, fl-2022, l-għajnuna f'każ ta' diżastru kellha titnaqqas għall-Istati Membri applikanti minħabba d-domanda akbar għal fondi tal-FSUE. Mill-2021 sal-2024, l-għajnuna umanitarja kellha tissaħħaħ mhux biss bl-użu tal-EAR, iżda wkoll tal-marġnijiet u tal-FLEX. Dawn iż-żewġ oqsma huma volatili u eżiġenti ħafna, u jirrikjedu deċiżjonijiet strateġiċi dwar il-finanzjament tagħhom.

45 Ir-reviżjoni tal-QFP naqqset l-ammonti allokati lill-istrumenti speċjali tematiċi tal-BAR u tal-FEG, billi dawn bilkemm intużaw, u dan jindika domanda baxxa. Barra minn hekk, emenda għar-Regolament dwar il-BAR[21] ippermettiet lill-Istati Membri jittrasferixxu fondi tal-BAR mhux użati lir-REPowerEU.

46 Il-leġiżlazzjoni tippermetti li l-marġnijiet annwali disponibbli jintużaw biss għall-intestatura speċifikata, fejn l-ammonti mhux użati jsiru disponibbli għall-intestaturi kollha s-sena ta' wara taħt l-SMI. Mill-2021 sal-2024, il-marġnijiet taħt l-Intestaturi 2b, 5 u 6 tal-QFP (reżiljenza u valuri, sigurtà u difiża, u azzjoni esterna) tnaqqsu b'mod konsistenti u ntużaw primarjament meta ġew adottati l-baġits annwali. Konsegwentement, kien hemm marġnijiet limitati jew l-ebda marġni taħt dawn l-intestaturi għall-użu potenzjali f'baġits emendatorji matul is-sena. Dan imur kontra l-prinċipju gwida li żgur irid ikun hemm marġnijiet suffiċjenti mhux allokati[22]. B'riżultat ta' dan, kellhom jintużaw strumenti speċjali biex jissodisfaw ħtiġijiet mhux previsti matul is-sena f'dawk l-intestaturi. Innutajna li l-kunċett ta' "marġnijiet suffiċjenti" mhuwiex iddefinit aktar fil-ftehim interistituzzjonali.

47 Barra minn hekk, innutajna riskju li l-fondi tal-SMI jistgħu ma jkunux biżżejjed biex ikopru ħtiġijiet addizzjonali fl-aħħar snin tal-QFP, skont il-volum tal-ħtiġijiet emerġenti u d-disponibbiltà ta' strumenti speċjali oħra. Fi tmiem l-2024, EUR 0.7 biljun baqgħu disponibbli fl-SMI, bi trasferiment potenzjali ta' madwar EUR 1.6 biljun f'marġnijiet mhux użati lill-SMI fil-perjodu 2025–2027[23]. Madankollu, il-Kummissjoni diġà tistma li se jkun hemm ħtieġa sinifikanti li jintużaw strumenti speċjali għall-Intestatura 7 (amministrazzjoni pubblika Ewropea) fil-perjodu 2026–2027, li jammontaw għal EUR 1.6 biljun. Dan ikun inaqqas id-disponibbiltà għal ħtiġijiet oħra mhux previsti.

48 Innutajna li fil-bidu tal-QFP ma ġie stabbilit l-ebda mekkaniżmu biex jinħoloq buffer għall-kostijiet tal-imgħax tal-EURI, minkejja l-inċertezza inerenti tal-istima. Dan huwa partikolarment importanti minħabba li l-kostijiet tal-imgħax jiddependu għalkollox fuq il-kundizzjonijiet tas-suq u huma obbligu legali tal-UE. Fil-baġit tal-UE għall-2023, id-differenza ta' 27 % bejn l-istima rieżaminata tal-ħtiġijiet u l-ammont inizjalment ipprogrammat fil-linja baġitarja tal-EURI kienet koperta bis-sħiħ mill-SMI, filwaqt li fil-baġit tal-2024, id-differenza ta' 57 % kienet koperta mill-FLEX. Dan enfasizza l-ħtieġa li jiġi stabbilit l-Istrument EURI fir-reviżjoni tal-QFP.

[21] L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2023/435.

[22] Il-paragrafu 7 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, 2020.

[23] Il-programmazzjoni finanzjarja tal-Kummissjoni għall-2025.

49 Kif innutat fil-paragrafi *35* u *36*, il-prattiki ta' ġestjoni finanzjarja pubblika jindikaw li kriżijiet sinifikanti u eċċezzjonali bħall-gwerra jeħtieġ li ma jiġux indirizzati minn riżervi regolari iżda jeħtieġu bbaġitjar għall-kriżijiet. Osservajna li l-QFP ma għandux mekkaniżmu li jattiva l-ibbaġitjar għall-kriżijiet u jirrispondi għal ħtiġijiet bħal dawn, apparti minn reviżjoni tal-QFP, li introduċa r-riżerva għall-Ukrajna. Ir-reviżjoni tal-QFP jirrikjedi l-unanimità fil-Kunsill. Għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP 2021–2027, il-Kummissjoni ħarġet il-proposta tagħha f'Ġunju 2023, u l-Kunsill adottaha fi Frar 2024, wara aktar minn 7 xhur ta' negozjati politiċi twal. Dan kien aktar tard mill-iskeda ta' żmien meħtieġ għall-adozzjoni "qabel il-bidu tal-proċedura baġitarja [Lulju 2023] għas-sena jew l-ewwel sena tas-snin ikkonċernati [2024]"[24].

## L-għodod ta' flessibbiltà indirizzaw firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet

50 Analizzajna r-raġunijiet għall-mobilizzazzjoni ppreżentati fid-dokumenti baġitarji għall-każijiet kollha fejn intużaw marġnijiet jew ġew mobilizzati strumenti speċjali, bejn l-2021 u l-2024. Eżaminajna wkoll f'aktar dettall kampjun ta' 26 każ ta' mobilizzazzjoni biex nivvalutaw jekk l-għodod ta' flessibbiltà ntużawx għall-iskop maħsub tagħhom.

51 L-analiżi li wettaqna tal-każijiet li ħadna bħala kampjun żvelat li, inġenerali, il-Kummissjoni pproponiet il-mobilizzazzjoni ta' strumenti speċjali tematiċi f'konformità mal-iskop u l-ambitu speċifiċi tagħhom. Minħabba li l-marġnijiet u l-għodod mhux tematiċi għandhom skop aktar ġenerali, il-Kummissjoni tista' tipproponi l-mobilizzazzjoni tagħhom għal firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet emerġenti.

52 Osservajna li madwar nofs il-fondi totali ta' flessibbiltà ntużaw biex jiġu indirizzati emerġenzi umanitarji u diżastri naturali. In-nofs l-ieħor (i) appoġġa lill-Istati Membri fl-indirizzar tal-konsegwenzi negattivi tal-Brexit u t-tfixkil fis-suq tal-enerġija kkawżat mill-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna (REPowerEU); (ii) kopra ż-żieda fil-kostijiet ipprogrammati affettwati minn inflazzjoni ogħla milli mistenni; u (iii) iffinanzja l-ħolqien ta' programmi ġodda tal-QFP. Madankollu, sibna wkoll li 6 % tal-fondi ta' flessibbiltà ntużaw biex jissupplimentaw il-programmi eżistenti tal-QFP u biex jiffinanzjaw proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji mingħajr l-ebda avveniment skattatur speċifiku mhux previst (ara l-*Figura 5*).

---

[24] L-Artikolu 13(2) tar-Regolament dwar il-QFP 2021–2027.

## Figura 5 | L-għodod ta' flessibbiltà ntużaw biex jindirizzaw firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet fil-perjodu 2021–2024

*(EUR miljun, prezzijiet kurrenti)*




*Sors:* il-QEA, abbażi ta' dokumenti baġitarji u *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

**53** Għall-istrumenti speċjali tematiċi tal-FEG, tal-FSUE u tal-BAR, l-iskop maħsub u l-kundizzjonijiet dettaljati ta' mobilizzazzjoni huma stabbiliti fir-regolamenti speċifiċi tagħhom. L-analiżi li wettaqna tal-każijiet ta' mobilizzazzjoni tal-FEG u tal-FSUE kkonfermat li l-ħtiġijiet kienu marbuta direttament ma' dawn il-kundizzjonijiet, li jirrigwardaw l-ispostament ta' persuni impjegati minħabba avvenimenti kbar ta' ristrutturar (FEG) u diżastri naturali (FSUE). Il-mobilizzazzjoni tal-BAR ma kinitx tirrikjedi li jiġu ddefiniti ħtiġijiet speċifiċi u l-Istati Membri rċevew sa 73 % tal-prefinanzjament u bbenefikaw minn flessibbiltà eċċezzjonali biex jiddeċiedu dwar miżuri ta' implimentazzjoni xierqa mingħajr qbil minn qabel mal-Kummissjoni.

**54** Fir-rigward tal-istrument speċjali tematiku EAR, li ma għandu l-ebda regolament settorjali, il-proposti ta' allokazzjoni huma bbażati fuq il-valutazzjoni interna mwettqa mill-Kummissjoni rigward il-ħtiġijiet ta' prijorità. L-istrument ġie primarjament mobilizzat biex jipprovdi għajnuna umanitarja f'pajjiżi terzi matul diversi kriżijiet (87 %). Il-bqija (13 %) ġew allokati fl-UE biex jindirizzaw il-ħtiġijiet inizjali wara l-influss tar-refuġjati mill-Ukrajna u b'rispons għall-influwenza avjarja u l-intensità akbar tan-nirien fil-foresti. Fil-każijiet li ħadna bħala kampjun, intalab it-tisħiħ tal-programmi tal-QFP li jindirizzaw in-nirien fil-foresti u l-influwenza avjarja (għal total ta' EUR 66 miljun) għal ħtiġijiet potenzjali aktar tard fis-sena, bil-għan li tiżdied il-kapaċità ta' rispons għal avvenimenti rikorrenti li ma ġewx antiċipati bis-sħiħ fil-programmi relatati.

**55** Il-marġnijiet u l-istrumenti speċjali mhux tematiċi ntużaw għal diversi ħtiġijiet, mhux biss għal risponsi ta' emerġenza (ara l-*Figura 6*). Għalkemm il-qafas legali ma jispeċifikax avvenimenti u kriterji għall-użu ta' dawn l-għodod, il-finanzjament ta' firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet jaf inaqqas l-ammonti disponibbli għal emerġenzi u kriżijiet meta jinqalgħu.

### Figura 6 | Il-marġnijiet u l-istrumenti speċjali mhux tematiċi ma ffinanzjawx biss emerġenzi u avvenimenti mhux previsti fil-perjodu 2021–2024




*Sors:* il-QEA, abbażi ta' dokumenti baġitarji u *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

56 L-analiżi li wettaqna wriet li 21 % tal-marġnijiet intużaw biex jissaħħu l-programmi ewlenin tal-UE bħal Orizzont Ewropa, Erasmus+, il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika, il-Programm tas-Suq Uniku, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, u Ewropa Diġitali minkejja n-nuqqas ta' ħtiġijiet ġodda, u għall-finanzjament ta' proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji (PPPAs, ara l-*Kaxxa 1*). Nefqa simili kienet koperta minn 10 % tal-mobilizzazzjoni totali tal-FLEX, minkejja li l-FLEX huwa maħsub għal nefqa mhux prevista. Il-prijoritizzazzjoni mill-ġdid tad-deċiżjonijiet ta' investiment skattati minn prijoritajiet politiċi ġodda li jwasslu għall-ħolqien ta' programmi ġodda ta' nfiq tal-QFP (eż. l-Att tal-Unjoni dwar il-Konnettività Sigura u l-Att dwar iċ-Ċipep) hija eżempju ieħor ta' nefqa mhux marbuta ma' emerġenzi, iżda meqjusa mill-Kummissjoni bħala mhux prevista. Barra minn hekk, porzjon sinifikanti tal-marġnijiet u tal-istrumenti speċjali mhux tematiċi (madwar 30 %) intuża biex jiffinanzja n-nefqa amministrattiva akbar u l-kostijiet tal-imgħax akbar tal-EURI li jirriżultaw minn pressjonijiet inflazzjonarji, billi ma kien hemm l-ebda mekkaniżmu adatt ieħor (ara l-paragrafu *48*).

## Kaxxa 1

### Nefqa mġarrba fuq bażi regolari ffinanzjata permezz ta' fondi għal avvenimenti mhux previsti

Kull sena, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jistgħu jipproponu proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji (PPPAs) għall-valutazzjoni tal-fattibbiltà u l-finanzjament sussegwenti fil-baġit annwali tal-UE. Fil-QFP ta' bħalissa, il-PPPAs kollha ġew proposti mill-Parlament.

Ir-Regolament Finanzjarju[25] jippermetti sa EUR 40 miljun fis-sena għal proġetti pilota u EUR 100 miljun għal azzjonijiet preparatorji. Billi dawn l-ammonti ma jkunux inklużi fil-programmazzjoni finanzjarja inizjali tal-QFP, il-PPPAs jistgħu jużaw marġnijiet disponibbli sa EUR 980 miljun fuq il-QFP kollu, li jammontaw għal 18 % tal-marġnijiet inizjali totali.

Fil-prattika, il-PPPAs irċevew EUR 72 sa EUR 107 miljun fis-sena mingħand għodod ta' flessibbiltà fil-perjodu 2021–2024, u dan iħalli inqas finanzjament għal ħtiġijiet ġodda jew għal avvenimenti mhux previsti. Fl-2021, fl-2023, u fl-2024, meta l-marġnijiet tnaqqsu f'ċerti intestaturi, il-PPPAs ġew iffinanzjati mill-FLEX, li huwa maħsub biss għal nefqa mhux prevista.

[25] L-Artikolu 58 tar-Regolament Finanzjarju.

## Il-qafas ta’ flessibbiltà tal-baġit tal-UE huwa kumpless wisq u xi għażliet ta’ mobilizzazzjoni mhumiex ċari

57 Id-dokumenti u d-*data* tal-baġit spiss jistgħu jkunu dettaljati ħafna, kumplessi u diffiċli ħafna biex jifhmuhom u jużawhom iċ-ċittadini ordinarji, il-membri parlamentari u l-professjonisti tal-baġit. Skont l-OECD[26], dawn jenħtieġ li jkunu miftuħa, trasparenti u aċċessibbli biex jinfurmaw l-istadji ewlenin tal-formulazzjoni, il-kunsiderazzjoni, id-dibattitu, l-implimentazzjoni u r-rieżaminar tal-politiki. L-informazzjoni dettaljata dwar il-baġit trid tkun tinftiehem ukoll fl-interess tal-aċċessibbiltà.

58 F’din it-taqsima, aħna vvalutajna jekk il-qafas ta’ flessibbiltà tal-baġit tal-UE jevitax kumplessità eċċessiva u jekk hemmx arranġamenti biex żgur ikun trasparenti l-proċess deċiżjonali.

### Bosta għodod ta’ flessibbiltà, li kultant jitrikkbu u ma jkollhomx prijoritizzazzjoni ċara, iżidu l-kumplessità mal-qafas

59 Il-proposta tal-Kummissjoni tal-2018 tal-QFP 2021–2027 iddikjarat li “l-enfażi għall-futur jenħtieġ li jkun fuq l-ikkonsolidar, it-tisħiħ u s-simplifikazzjoni tal-mekkaniżmi tal-flessibbiltà, sabiex jinħoloq qafas aktar aġli, filwaqt li tiġi mħarsa l-istabbiltà tal-offerti tal-qafas pluriennali”[27]. Il-Kummissjoni ma pproponietx li tikkombina l-istrumenti speċjali. Minflok, ipproponiet li tkompli tintuża l-istess taħlita ta’ għodod ta’ flessibbiltà bħal fil-QFP preċedenti, bi ftit suġġerimenti ta’ simplifikazzjoni u sorsi ta’ finanzjament addizzjonali għal xi wħud mill-istrumenti speċjali.

60 F’Lulju 2020, il-Kunsill Ewropew innota li r-regoli kumplessi għat-tqassim mill-ġdid tal-ammonti bejn strumenti speċjali u r-riport ta’ ammonti mhux użati għas-snin ta’ wara jenħtieġ li jiġu ssimplifikati u armonizzati u d-duplikazzjoni kemm bejn l-istrumenti tematiċi speċjali kif ukoll mal-programmi ta’ nfiq jenħtieġ li tiġi evitata u għandha tiġi esplorata aktar sinerġija[28].

---

26 Il-prinċipju 4 tal-Prinċipji tal-OECD dwar il-governanza baġitarja, it-Taqsima H tas-Sett ta’ Għodod għat-Trasparenza tal-Baġit tal-OECD.

27 COM(2018) 322.

28 Il-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill, 2020.

61 B'rispons għall-istħarriġ tal-awditu li wettaqna, l-EP BUDG u 71 % tar-rappreżentanti ta' 17-il Stat Membru fil-Kumitat tal-Baġit tal-Kunsill qiesu li t-taħlita attwali ta' strumenti speċjali hija kumplessa u teħtieġ simplifikazzjoni. Huma ssuġġerew li jitnaqqas l-għadd ta' għodod, li l-għodod jiġu allinjati aħjar mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-UE, u li r-regoli jiġu armonizzati u ssimplifikati.

### Trikkib bejn l-għodod ta' flessibbiltà

62 Il-Kummissjoni ma vvalutatx ir-riskju ta' trikkib u duplikazzjonijiet għall-għodod ta' flessibbiltà. Skont il-Kummissjoni, l-istrumenti speċjali jikkomplementaw l-infiq tal-baġit tal-QFP, u għalhekk id-duplikazzjoni mhijiex possibbli. Madankollu, osservajna xi trikkib u duplikazzjonijiet potenzjali, l-aktar fir-rigward tal-iskop tal-għodod ta' flessibbiltà.

63 L-istrumenti speċjali tematiċi jindirizzaw problemi speċifiċi fuq terminu qasir, filwaqt li l-programmi ta' nfiq tal-QFP ikopru investimenti fit-tul. L-użu tal-FEG, il-FSUE u l-BAR huwa ddefinit mir-regolamenti speċifiċi tagħhom u jiġi skattat mill-applikazzjonijiet tal-Istati Membri. Innutajna trikkib bejn l-objettivi tal-FEG, tal-BAR u ta' ċerti programmi ta' nfiq tal-QFP, billi l-Istati Membri jistgħu jagħżlu bejn fondi simili għall-istess ħtiġijiet (ara l-*Kaxxa 2*). Dan imur kontra l-appell biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u juri l-possibbiltà li jiġu prijoritizzati għażliet ta' finanzjament aktar favorevoli jew aktar faċli biex jiġu implimentati.

## Kaxxa 2

### Trikkib bejn l-objettivi tal-istrumenti speċjali tematiċi: eżempji

**FEG: trikkib parzjali mal-BAR**. Il-FEG jgħin lill-ħaddiema ssensjati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom affettwati minn avvenimenti ta' ristrutturar kbar. Il-BAR inħolqot biex ittaffi l-effetti negattivi tal-Brexit, inklużi s-sensji. Dan appoġġa l-ħolqien u l-protezzjoni tal-impjiegi, l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, it-tiġdid tal-ħiliet, u t-taħriġ. Skont il-Kummissjoni, l-Istat Membru jista' jagħżel liema fond juża biex il-ħaddiema ssensjati fis-setturi l-aktar affettwati mill-Brexit jiksbu ħiliet ġodda u jitħarrġu.

**FEG: trikkib mal-**Fond Soċjali Ewropew **(FSE)/**Fond Soċjali Ewropew Plus **(FSE+)**. Il-FEG kien maħsub għal risponsi fuq terminu qasir u bbażat fuq il-ħtiġijiet għal avvenimenti mhux previsti minħabba l-impatt tal-globalizzazzjoni fuq il-kumpaniji, filwaqt li l-FSE/FSE+ jiffoka fuq investimenti fit-tul. Madankollu, xi Stati Membri jsibu li l-proċess ta' mobilizzazzjoni tal-FEG huwa kumpless u bil-mod, u jippreferu l-FSE/FSE+ għal risponsi aktar rapidi u rati ta' finanzjament ogħla[29]. Ir-Regolament dwar il-FEG għall-QFP 2021–2027 kellu l-għan li jindirizza dawn il-problemi, pereżempju, billi jallinja r-rati ta' kofinanzjament tal-FEG u tal-FSE+, jissimplifika l-kriterji ta' eliġibbiltà u jnaqqas id-dati ta' skadenza għal xi wħud mill-passi proċedurali. Minkejja dan, il-mobilizzazzjoni tal-fond baqgħet aktar baxxa milli mistenni, anki bl-ambitu estiż tiegħu.

**BAR: trikkib parzjali mal-FSE+ u** l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali **(FEŻR)**. Il-FSE+ jappoġġa l-impjiegi, it-titjib tal-ħiliet, u l-adattament tal-persuni li qed ifittxu impjieg għall-bidla filwaqt li l-BAR tiffoka fuq il-ħolqien u l-protezzjoni tal-impjiegi, inklużi l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, it-tiġdid tal-ħiliet u t-taħriġ. Il-FEŻR jinvesti f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju biex jissalvagwardja u joħloq l-impjiegi, filwaqt li l-BAR tappoġġa n-negozji privati u pubbliċi, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, dawk li jaħdmu għal rashom, u l-komunitajiet lokali. Il-Kummissjoni kkonfermat li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu liema fond jużaw meta l-azzjonijiet ikunu eliġibbli kemm taħt il-BAR kif ukoll taħt fond ieħor b'ġestjoni kondiviża.

[29] Ir-Rapport dwar l-attivitajiet tal-FEG fl-2015 u fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea, 2017; Evalwazzjoni *ex post* tal-FEG fl-2014–2020, il-Kummissjoni Ewropea, 2021.

64 Osservajna li l-SMI u l-FLEX, żewġ strumenti speċjali mhux tematiċi li joperaw lil hinn mil-limitu massimu tal-QFP, jistgħu jintużaw minflok xulxin għall-istess ħtiġijiet, u dan iżid il-kumplessità għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet (ara l-*Kaxxa 3*). Skont ir-Regolament dwar il-QFP, iż-żewġ strumenti speċjali mhux tematiċi huma maħsuba biex jiffinanzjaw "nefqa li ma setgħetx tiġi ffinanzjata fil-limiti massimi disponibbli"[30]. Madankollu, l-SMI jakkwista l-fondi tiegħu mingħand marġnijiet mhux użati miftiehma inizjalment taħt il-limitu massimu tal-QFP, filwaqt li FLEX jipprovdi fondi minbarra l-limitu massimu miftiehem tal-QFP. Il-Kummissjoni spjegat li l-ebda prijorità jew sekwenza mhija stabbilita għall-SMI u l-FLEX, u l-proposti ta' mobilizzazzjoni huma bbażati fuq iċ-ċirkustanzi u l-ħtiġijiet.

## Kaxxa 3

### Trikkib bejn l-istrumenti speċjali mhux tematiċi SMI u FLEX: eżempju

L-SMI u l-FLEX għandhom regoli differenti dwar ir-riport għal ammonti mhux użati, li l-Kummissjoni tqis meta tipproponi l-mobilizzazzjoni. L-SMI jippermetti r-ridistribuzzjoni tal-marġnijiet fl-intestaturi kollha tal-QFP, mingħajr limiti fuq l-ammonti mhux użati għar-riport għas-snin sussegwenti. Il-FLEX jipprovdi ammont annwali fiss lil hinn mil-limitu massimu tal-QFP, u l-fondi mhux użati jistgħu jiġu riportati biss sa sentejn qabel ma jiskadu. Skont il-Kummissjoni, hija kieku kienet tipproponi l-mobilizzazzjoni tal-FLEX minflok tal-SMI jekk kien hemm riskju li l-ammonti jiskadu, biex timmassimizza l-użu tal-fondi disponibbli.

Biex nispjegaw aktar, l-SMI ġie mobilizzat biex ikopri l-ħtiġijiet akbar għal-linja baġitarja tal-EURI fil-baġit annwali tal-2023, filwaqt li l-FLEX intuża għall-istess skop fil-baġit annwali tal-2024. Iż-żewġ mobilizzazzjonijiet indirizzaw żidiet fin-nefqa pprogrammata meta mqabbla mal-istimi inizjali.

65 Fl-istħarriġ li wettaqna, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kumitat tal-Baġit tal-Kunsill, li qablu li jeżistu duplikazzjonijiet bejn l-istrumenti speċjali (47 % mis-17 li wieġbu), semmew speċifikament il-FLEX u l-SMI. Huma żiedu li l-qafas legali għal dawn l-għodod mhuwiex iddefinit sew, tant li l-għażla bejniethom ftit li xejn tkun ċara u suġġettiva, u li l-użu u l-iskop tagħhom jitrikkbu bil-kbir apposta.

[30] L-Artikoli 11(4) u 12(1) tar-Regolament dwar il-QFP 2021–2027.

66 Osservajna wkoll bosta għodod ta’ flessibbiltà li qed jintużaw għall-finanzjament tal-ħtiġijiet tal-programmi umanitarji u ta’ dawk relatati mal-migrazzjoni, bħall-komponent EAR tal-istrument speċjali tematikuSEAR, l-istrumenti speċjali mhux tematiċi FLEX u SMI u l-marġnijiet. Barra minn hekk, osservajna trikkib bejn l-istrument speċjali tematiku EAR u r-riżervi ta’ emerġenza integrati tal-QFP introdotti f’ċerti programmi ta’ nfiq, bħall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali).

## Nuqqas ta’ sekwenza ċara għall-użu tal-flessibbiltajiet tal-baġit taħt u lil hinn mil-limitu massimu tal-QFP

67 Ma hemm l-ebda regola li tispeċifika jekk ir-riżervi (ta’ emerġenza) integrati tal-programmi tal-QFP bħar-riżerva ta’ emerġenza NDICI-Ewropa Globali, b’disponibbiltà totali ta’ EUR 9.5 biljun, jenħtieġx li jintużaw qabel il-marġnijiet, jew jekk l-SMI, l-EAR u l-FLEX jenħtieġx li jiġu mobilizzati biss wara li dawn ir-riżervi jiġu eżawriti, billi jaqgħu fi ħdan il-limitu massimu tal-QFP. Il-Kummissjoni tiddeċiedi kif tuża dawn ir-riżervi mingħajr il-ħtieġa tal-approvazzjoni mingħand l-awtorità baġitarja.

68 Fl-istħarriġ tal-awditu li wettaqna, l-EP BUDG innota li t-tipi kollha ta’ riżervi ta’ emerġenza integrati tal-QFP għandhom il-potenzjal li jitrikkbu mal-flessibbiltà u l-kapaċità ta’ rispons fi ħdan l-istrumenti speċjali. Ir-rappreżentanti ta’ 17-il Stat Membru fil-Kumitat tal-Baġit tal-Kunsill innutaw ukoll duplikazzjoni li tinvolvi r-riżerva għall-isfidi emerġenti tal-NDICI-Ewropa Globali u l-istrument speċjali EAR, filwaqt li indikaw jkunu jilqgħu regoli aktar ċari dwar meta għandhom jimmobilizzawhom.

69 Il-qafas legali tal-QFP ma jispeċifikax sekwenza għall-użu jew għall-mobilizzazzjoni tal-għodod, ħlief li l-marġnijiet futuri[31] jenħtieġ li jiġu mobilizzati bħala l-aħħar alternattiva. Lanqas il-proċeduri interni tal-Kummissjoni ma ddeskrivew regoli speċifiċi għas-sekwenza li fiha jenħtieġ li jintużaw l-għodod ta’ flessibbiltà. Skont il-Kummissjoni, hija tapplika l-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba meta tagħżel għażliet ta’ finanzjament biex tindirizza ħtiġijiet mhux mistennija.

[31] L-Artikolu 11(1)(c) tar-Regolament dwar il-QFP 2021–2027.

70 Fil-każijiet li ħadna bħala kampjun, sibna eżempju fejn il-marġnijiet, li huma taħt il-limitu massimu tal-QFP, kienu għadhom disponibbli meta l-istrument speċjali tematiku EAR ġie mobilizzat lil hinn mil-limitu massimu tal-QFP. F'każijiet oħra, osservajna li r-riżervi ta' emerġenza tal-QFP ntużaw parzjalment jew xejn affattu qabel ma ntużaw il-marġnijiet jew l-istrumenti speċjali (ara l-*Kaxxa 4*). Il-Kummissjoni ġġustifikat dan l-approċċ bil-ħtieġa li jinżammu riżervi ta' emerġenza għall-użu futur jew għal azzjonijiet ippjanati oħra. Madankollu, meta jintużaw strumenti speċjali li jaqbżu l-limitu massimu minflok ir-riżervi integrati, il-kapaċità li l-ħtiġijiet ta' emerġenza jiġu indirizzati b'fondi taħt il-limitu massimu tal-QFP ma tiġix sfruttata bis-sħiħ.

## Kaxxa 4

### Is-sekwenza għall-użu ta' flessibbiltajiet integrati, marġnijiet u strumenti speċjali mhijiex stabbilita b'mod ċar

Il-Kummissjoni pproponiet il-finanzjament tal-għoti tal-vaċċini kontra l-COVID-19 permezz tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza u r-riżerva tal-NDICI-Ewropa Globali taħt il-limitu massimu tal-QFP, flimkien mal-mobilizzazzjoni tal-FLEX lil hinn mil-limitu massimu tal-QFP. L-EP BUDG innota li jkun għad hemm EUR 188 miljun fir-riżerva tal-NDICI-Ewropa Globali fl-2021 (wara l-adozzjoni tal-abbozz propost ta' baġit emendatorju tal-Kummissjoni). Il-Kummissjoni spjegat li riedet tippreżerva l-fondi fir-riżerva tal-NDICI-Ewropa Globali għal ħtiġijiet oħra, minkejja li l-baġit emendatorju ġie adottat f'Novembru 2021. Eventwalment, il-Kummissjoni użat EUR 168 miljun mir-riżerva tal-NDICI-Ewropa Globali fl-2021 biex issaħħaħ il-"Programm tematiku Sfidi Globali" tal-NDICI-Ewropa Globali għal diversi prijoritajiet[32].

Fil-31 ta' Mejju 2023 il-Kummissjoni pproponiet il-mobilizzazzjoni tal-EAR għall-Fergħa tal-ikel tal-Programm tas-Suq Uniku, biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' emerġenza relatati mal-influwenza avjarja. Madankollu, EUR 131 miljun f'marġnijiet mhux allokati kienu għadhom disponibbli taħt l-Intestatura 1 tal-QFP korrispondenti, "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali". Il-marġnijiet mhux allokati setgħu koprew l-ammont kollu mitlub għall-Programm tas-Suq Uniku. Barra minn hekk, ir-riżervi ta' emerġenza integrati tal-programm ma kinux għadhom ikkunsmati qabel il-proposta, minkejja li l-programm kien warrab EUR 102 miljun għal miżuri ta' emerġenza fl-2023 u fl-2024 għall-ġlieda kontra l-mard tal-annimali u l-pesti tal-pjanti.

Innutajna wkoll li fl-2022, il-Kummissjoni pproponiet il-Baġit emendatorju 05/2022 bl-użu ta' marġnijiet mhux allokati biex tindirizza l-istess ħtiġijiet addizzjonali għall-Programm tas-Suq Uniku.

[32] Il-Premessa 70 tar-Regolament dwar l-NDICI-Ewropa Globali.

71 L-osservazzjonijiet tagħna jenfasizzaw il-kumplessità tal-proċess ta' ġestjoni finanzjarja meta jistgħu jintużaw bosta għodod biex jiffinanzjaw l-istess ħtieġa, li jqajjem dubji dwar il-ħtieġa u l-effiċjenza ta' bosta għodod. Filwaqt li tirrikonoxxi din il-kumplessità, il-Kummissjoni temmen li l-fatt li jkun hemm bosta għodod mingħajr sekwenza definita għall-użu tagħhom jipprovdi l-flessibbiltà meħtieġa biex tipproponi l-għodda xierqa għall-mobilizzazzjoni.

## Inġenerali, ir-regoli jiffaċilitaw il-mobilizzazzjoni fil-pront, iżda ma ġewx issimplifikati kemm jista' jkun

72 L-approvazzjoni tal-awtorità baġitarja hija meħtieġa biex jiġu mobilizzati l-istrumenti speċjali, li jirrikjedu approprjazzjonijiet addizzjonali lil hinn mil-limitu massimu tal-QFP. Filwaqt li l-Kunsill u l-Parlament b'mod ġenerali jippreferu dan l-approċċ, dan itawwal il-proċess. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet fid-dokument ta' ħidma tagħha tal-2018[33] li l-proċeduri għall-mobilizzazzjoni tal-fondi li jinsabu barra mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali jieħdu fit-tul ħafna u huma kumplessi ħafna.

73 Aħna vvalutajna jekk ir-regoli u l-proċeduri jagħtux loka għal mobilizzazzjoni fil-pront ta' għodod ta' flessibbiltà biex jirrispondu għall-ħtiġijiet emerġenti.

74 Żewġ proċeduri differenti ta' mobilizzazzjoni jiġu applikati:

(a) L-istrumenti speċjali mhux tematiċi (SMI, FLEX) huma marġnijiet mobilizzati u mhux allokati li jintużaw permezz tal-proċedura baġitarja, li taħtha r-riżorsi addizzjonali jiġu assenjati lill-programm(i) rilevanti meta baġits annwali jew emendatorji jiġu adottati. L-ammonti proposti fil-baġits emendatorji jimmodifikaw il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri wara l-adozzjoni tagħhom.

(b) L-istrumenti tematiċi speċjali (il-FEG, il-BAR, is-SEAR) huma mobilizzati permezz tal-proċedura ta' trasferiment. L-ammonti annwali disponibbli jiddaħħlu fil-baġit bħala dispożizzjoni, u jsiru riżerva baġitarja, u jiġu mobilizzati b'mod konġunt mill-Parlament u mill-Kunsill wara l-proposta tal-Kummissjoni għal trasferiment mir-riżerva għal-linja baġitarja operazzjonali[34]. Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jkopru l-ammont kollu tar-riżerva wara l-adozzjoni tal-baġit tal-UE, u d-deċiżjonijiet ta' trasferiment individwali matul is-sena baġitarja ma jbiddlux il-kontribuzzjonijiet tagħhom.

---

[33] Spending review, il-Kummissjoni Ewropea, SWD(2018) 171.

[34] L-Artikoli 31 u 49 tar-Regolament Finanzjarju.

75 Il-Ftehim Interistituzzjonali[35] jiddeskrivi fil-qosor il-prinċipji għal kooperazzjoni interistituzzjonali effettiva għal teħid ta' deċiżjonijiet rapidu dwar il-baġits emendatorji. Pereżempju, "il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom iqisu l-urġenza relattiva tal-baġit emendatorju u l-ħtieġa li japprovawh fi żmien debitu biex ikun effettiv matul is-sena finanzjarja kkonċernata". Għall-proċedura ta' trasferiment, ir-Regolament Finanzjarju jirrikjedi li l-awtorità baġitarja tieħu d-deċiżjoni ta' trasferiment fi żmien 6 ġimgħat wara l-proposta tal-Kummissjoni[36], jew fi żmien 3 ġimgħat f'sitwazzjonijiet urġenti.

76 Għal għodod ta' flessibbiltà regolati mil-leġiżlazzjoni settorjali (il-FEG, il-BAR, il-FSUE), il-proċedura ta' trasferiment hija preċeduta mill-valutazzjoni li l-Kummissjoni twettaq tal-applikazzjonijiet tal-Istati Membri biex tikkonferma li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-finanzjament.

77 Skont l-istħarriġ li wettaqna, l-EP BUDG u r-rappreżentanti ta' 17-il Stat Membru fil-Kumitat tal-Baġit tal-Kunsill iqisu li ż-żewġ proċeduri ta' mobilizzazzjoni jagħtu lok għal rispons fil-pront għal avvenimenti mhux previsti u għal ħtiġijiet emerġenti. Tqajjem tħassib dwar il-mobilizzazzjoni tal-FSUE, filwaqt li ġie nnutat li l-iżborżi jieħdu wisq żmien u li l-proċess ġenerali ma jipprovdix sokkors immedjat wara d-diżastri naturali.

### Veloċità tal-proċeduri ta' mobilizzazzjoni

78 Ir-regoli u t-twaqqit għall-proċedura baġitarja annwali huma ddefiniti b'mod ċar[37]. Peress li l-abbozz ta' baġit jitħejja u jiġi adottat fis-sena ta' qabel l-implimentazzjoni tiegħu, tipikament ma jintużax għal emerġenzi immedjati, u b'hekk l-iskeda ta' żmien tal-approvazzjoni tkun inqas rilevanti għal mobilizzazzjoni fil-pront. Minkejja dan, ir-rieżaminar li wettaqna ta' 11-il każ mobilizzati permezz tal-baġits annwali wera li kienet meħtieġa medja ta' 4 xhur mit-talba għat-tisħiħ sal-approvazzjoni tagħha mill-awtorità baġitarja.

79 Għall-baġits emendatorji, proċedura ta' approvazzjoni rapida hija kruċjali biex l-istrumenti speċjali mhux tematiċi jiġu mobilizzati malajr matul is-sena biex jindirizzaw ċirkustanzi ta' eċċezzjoni u dawk mhux previsti. Il-bażi legali[38] ma tispeċifikax dati ta' skadenza għall-proċess ta' adozzjoni, li jistgħu jaffettwaw il-veloċità tal-mobilizzazzjoni.

---

[35] Il-paragrafu 31 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja, 2020.

[36] L-Artikoli 31 u 32 tar-Regolament Finanzjarju.

[37] L-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE.

[38] It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, ir- Regolament Finanzjarju, ir-Regolament dwar il-QFP 2021–2027, il-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja (il-parti F).

80 L-analiżi li wettaqna tal-każijiet li ħadna bħala kampjun uriet li l-baġits emendatorji u l-proċeduri ta' trasferiment kellhom veloċitajiet simili ta' mobilizzazzjoni, għalkemm il-proċedura ta' trasferiment kienet kemxejn aktar rapida (ara t-*Tabella 2*). In-nuqqas ta' dati ta' skadenza speċifiċi għall-mobilizzazzjoni permezz ta' baġits emendatorji ma affettwax il-veloċità tal-mobilizzazzjoni.

### Tabella 2 | Bħala medja, kemm il-baġit emendatorju kif ukoll il-proċeduri ta' trasferiment jieħdu żmien simili biex jintlaħaq qbil dwar l-infiq addizzjonali (każijiet fil-kampjun, il-perjodu 2021–2024)

| Proċedura u għodda kkonċernati | Dati ta' skadenzai għall-approvazzjoni/adozzjoni | Riżerva fil-baġit adottat | Żmien medju (f'xhur) | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Id-DĠ BUDG iħejji l-proposta fuq talba interna | Proċeduri tal-Kunsill u tal-Parlament | Proċedura totali |
| **Baġit emendatorju** (l-SMI, il-FLEX, il-marġnijiet) | Le, iżda l-Ftehim Interistituzzjonali jitlob li tittieħed inkunsiderazzjoni urġenza relattiva | Le | 0.9 | 2.1 | 3.0 |
| **Trasferiment** fi ħdan il-baġit annwali (il-FEG, is-SEAR (żewġ partijiet: il-FSUE u l-EAR), il-BAR) | Iva, fi żmien 6 ġimgħat minn meta tasal il-proposta (jew 3 ġimgħat f'ċirkustanzi urġenti) | Iva | 1.1 | 1.1 | 2.2 |

*Nota:* każ atipiku wieħed huwa eskluż mit-tqabbil, fejn iż-żmien mit-talba interna tal-Kummissjoni sal-adozzjoni tal-baġit emendatorju ħa kważi sentejn minħabba l-ħtieġa ta' qbil politiku dwar il-pakkett għall-appoġġ tar-refuġjati Sirjani.

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-atti legali u *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

### Tul tal-valutazzjonijiet ta' qabel il-proposta ta' mobilizzazzjoni

81 Analizzajna wkoll it-tul tal-valutazzjoni li l-Kummissjoni wettqet tal-applikazzjonijiet tal-Istati Membri għall-FEG u l-FSUE, li tippreċedi l-proposta għat-trasferiment baġitarju. Abbażi tad-dati ta' skadenza legali, il-proċess jista' jieħu sa 5 (FEG) jew 7 (FSUE)xhur. It-tul tal-proċedura kien wieħed mill-aspetti kkritikati ta' dawn l-għodod fir-rapporti ta' evalwazzjoni[39]. L-iskeda ta' żmien jaf tkun twila wisq biex jingħata rispons rapidu għall-ħtiġijiet immedjati. Barra minn hekk, il-mobilizzazzjoni tirrikjedi li l-Kunsill u l-Parlament jadottaw żewġ atti legali, kull wieħed bir-regoli ta' votazzjoni tiegħu stess.

[39] *Ex post* evaluation of the European Union Solidarity Fund 2002–2016, il-Kummissjoni Ewropea, 2018; ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni *ex post* tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni 2014–2020, il-Kummissjoni Ewropea, 2021.

82 Għall-każijiet li ħadna bħala kampjun, analizzajna ż-żmien totali mill-applikazzjoni tal-Istat Membru sad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG u tal-FSUE (ara t-*Tabella 3*). It-total medju kien ta' 5 xhur għall-każijiet tal-FEG, u aktar minn 10 xhur għall-każijiet tal-FSUE, li mhux dejjem kien konformi mad-dati ta' skadenza stabbiliti fir-regolament dwar il-FSUE. Għal xi applikazzjonijiet, il-Kummissjoni ħadet sena biex tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha u titlob il-mobilizzazzjoni tal-FSUE, meta mqabbla mad-data ta' skadenza ta' 6 ġimgħat meħtieġa mir-regolament. Skont il-Kummissjoni, dan kien minħabba inċertezza rigward il-baġit disponibbli għall-FSUE, minħabba r-raggruppament tal-applikazzjonijiet, u minħabba proċess twil ta' kjarifika billi kultant l-Istati Membri ppreżentaw applikazzjonijiet inkompleti.

### Tabella 3 | Ma jsirx fil-pront il-proċess ta' mobilizzazzjoni tal-FEG u tal-FSUE għall-assistenza f'emerġenza (każijiet li ħadna bħala kampjun, il-perjodu 2021–2024)

| Mobilizzazzjoni ta' strumenti speċjali tematiċi b'leġiżlazzjoni settorjali | Żmien medju (f'xhur) | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | L-applikazzjoni tal-Istat Membru sakemm titqies kompleta | Valutazzjoni tal-applikazzjoni min-naħa tad-DĠ responsabbli | Id-DĠ BUDG iħejji l-proposta fuq talba interna | Proċeduri tal-Kunsill u tal-Parlament | Proċedura totali |
| **FEG** | 1.2 | 1.8 | 0.8 | 1.5 | 5.3 |
| **FSUE: diżastri naturali** | 1.2 | 7.0 | 1.1 | 1.1 | 10.4 |
| **FSUE: emerġenza tas-saħħa** | 8.5* | | 1.1 | 1.1 | 10.7 |

*Billi l-applikazzjonijiet taħt il-FSUE relatati mal-COVID-19 kienu bla preċedent, iż-żmien ma jistax jinqasam b'mod preċiż bejn iż-żmien li tqatta' fuq l-applikazzjonijiet sakemm tqiesu kompleti u l-valutazzjoni li twettqet mill-Kummissjoni.

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-atti legali u d-*data* pprovduta mill-Kummissjoni.

83 Għall-kuntrarju tal-proċess ta' applikazzjoni tal-FSUE u tal-FEG, il-proposta ta' trasferiment tal-BAR ma kinitx tirrikjedi l-valutazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni tat-talba għal finanzjament tal-Istati Membri. Skont ir-Regolament dwar il-BAR, il-Kummissjoni kkalkulat l-allokazzjonijiet provviżorji għal kull Stat Membru[40], u ħallsithom bħala prefinanzjament sa 73 % fi tliet pagamenti parzjali annwali mill-2021 sal-2023, b'pagament finali skedat għall-2025. Bħala eċċezzjoni għar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni ma kellhiex għalfejn tiddeskrivi l-azzjonijiet għall-finanzjament fid-deċiżjoni tagħha[41]. Hija se tevalwa l-konformità tal-infiq mar-regolament dwar il-BAR f'dan ir-rigward *ex post* fl-2025.

84 L-awtorità baġitarja tiskrutinizza l-proposta tal-Kummissjoni għall-mobilizzazzjoni tal-istrumenti speċjali tematiċi tal-FEG, tal-FSUE u tal-BAR, li ssegwi regoli stretti bbażati fuq regolamenti settorjali. L-unika raġuni biex il-proposta tiġi miċħuda jew mibdula tkun jekk ikun fiha żbalji jew tmur kontra r-regolamenti. L-awtorità baġitarja ma bidlet il-proposta tal-Kummissjoni fl-ebda wieħed mill-każijiet analizzati. Abbażi tal-kampjun tagħna, sibna li l-integrazzjoni ta' dawn l-għodod fil-baġit tal-QFP bħala riżervi mmaniġġjati mill-Kummissjoni tista' tiffranka medja ta' xahrejn u ġimgħa fuq it-tħejjija tat-trasferiment u t-teħid tad-deċiżjonijiet.

85 Dan ma japplikax għall-istrument speċjali tematiku EAR, billi l-kundizzjonijiet u l-kriterji ta' allokazzjoni tiegħu mhumiex regolati minn leġiżlazzjoni settorjali. L-EAR tiġi mobilizzata permezz ta' proċedura ta' trasferiment, u sibna li din intużat biex tiffinanzja l-istess tip ta' ħtieġa bħal dawk iffinanzjati permezz ta' strumenti speċjali mhux tematiċi u marġnijiet (ara l-paragrafu ***66***), li jiġu mobilizzati permezz tal-proċedura baġitarja. Billi ma hemm kważi l-ebda differenza fiż-żmien medju ta' mobilizzazzjoni għaż-żewġ proċeduri (il-paragrafu ***80***), l-amalgamazzjoni tal-EAR fil-FLEX ma tnaqqasx bil-bosta, kieku, il-probabbiltà ta' mobilizzazzjoni fil-pront.

## Nuqqas ta' approċċ strutturat fid-dokumentazzjoni tal-analiżi dwar għażliet u ammonti alternattivi ta' finanzjament

86 Il-prinċipji tal-OECD dwar il-governanza baġitarja jistipulaw li, minħabba riżorsi limitati, l-ibbaġitjar jinvolvi l-prijoritizzazzjoni, il-valutazzjoni tal-valur għall-flus, u t-teħid ta' deċiżjonijiet.

[40] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1803 li tistabbilixxi l-ammonti proviżorji allokati lil kull Stat Membru mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, 2021.

[41] L-Artikolu 8(5) tar-Regolament dwar il-BAR.

87 Qabel ma tipproponi li timmobilizza l-istrument speċjali tematiku EAR u l-istrumenti speċjali mhux tematiċi FLEX u SMI, il-Kummissjoni jeħtiġilha teżamina l-ambitu għar-riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet fi ħdan il-baġit annwali adottat[42]. Il-possibbiltajiet ta' riallokazzjoni jridu jiġu eżaminati wkoll meta jiġi propost l-użu ta' marġnijiet mhux allokati matul sena baġitarja (permezz ta' baġit emendatorju)[43].

88 Ma hemm l-ebda rekwiżit li jiġu eżaminati l-possibbiltajiet ta' riallokazzjoni qabel il-mobilizzazzjoni tal-istrumenti speċjali tematiċi FEG, FSUE u BAR, billi dawn jiffinanzjaw nefqa speċifika f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-att legali ta' kull strument.

89 Għall-każijiet li ħadna bħala kampjun, analizzajna d-dokumentazzjoni tal-Kummissjoni biex niċċekkjaw jekk din tinkludix eżaminar tal-ambitu għar-riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet fi ħdan il-programmi li kienu diġà jeżistu, ġustifikazzjoni tal-ħtiġijiet, l-ammonti, l-għażla tal-għodda ta' flessibbiltà, u allinjament tal-iskop ta' kull mobilizzazzjoni mar-rekwiżiti speċifiċi għall-istrumenti.

90 Mis-26 każ li ħadna bħala kampjun, 20 kienu jirrigwardaw l-użu jew il-mobilizzazzjoni tal-marġnijiet, fejn l-EAR, l-SMI u l-FLEX kienu jirrikjedu l-eżaminar tal-possibbiltajiet ta' riallokazzjoni. F'14 mill-20 każ, il-Kummissjoni identifikat l-għażliet alternattivi ta' finanzjament biex il-ħtiġijiet ġodda jiġu ssodisfati permezz tar-riallokazzjoni, iżda wkoll permezz ta' prijoritizzazzjoni mill-ġdid u l-użu ta' flessibbiltajiet integrati u strumenti ta' emerġenza taħt il-limiti massimi tal-QFP. Fil-każijiet li ħadna bħala kampjun, dan naqqas l-ammonti meħtieġa mill-għodod ta' flessibbiltà. Dawn l-ammonti kienu jvarjaw minn 6 % sa 68 % tal-fondi meħtieġa biex ikopru l-ħtiġijiet addizzjonali. Dan jindika li l-għażliet alternattivi ta' finanzjament kienu sors rilevanti ta' finanzjament għal ħtiġijiet ġodda, bi prijoritajiet politiċi ġodda u programmi ġodda inklużi. Fis-sitt każijiet li kien jifdal fil-kampjun tagħna, l-għodod ta' flessibbiltà kienu l-uniku sors ta' finanzjament.

[42] L-Artikoli 9(1)(b), 11(1)(a) u (c), 11(4) u 12 tar-Regolament dwar il-QFP 2021–2027; il-paragrafi 10, 12 u 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja.

[43] L-Artikolu 44(2) tar-Regolament Finanzjarju (2018/1046, l-istess 2024/2509 (riformulazzjoni)).

**91** Għall-20 każ imsemmija hawn fuq, osservajna li l-eżaminar tal-possibbiltajiet ta' riallokazzjoni ma kienx dokumentat b'mod ċar u traċċabbli. Ma stajniex nikkonfermaw li l-għażliet kollha ta' riallokazzjoni ġew eżaminati u użati, minħabba n-nuqqas ta' rendikont tal-entrati xieraq (ara l-*Kaxxa 5*). Skont il-Kummissjoni, f'xi każijiet in-nuqqas ta' approċċ strutturat għad-dokumentazzjoni huwa dovut għall-ħtieġa urġenti li titħejja l-proposta ta' mobilizzazzjoni. Fil-proċeduri interni tagħha, il-Kummissjoni ma stabbiliet l-ebda pass speċifiku, jew lista ta' kontroll għall-eżami tal-possibbiltajiet ta' riallokazzjoni qabel ma pproponiet l-użu ta' marġnijiet jew il-mobilizzazzjoni ta' strumenti speċjali mhux tematiċi. Lanqas ma talbet lill-persunal jiddokumenta dan il-proċess u l-alternattivi meqjusa.

### Kaxxa 5

#### Ir-rendikont tad-deċiżjonijiet mhuwiex dokumentat biżżejjed: eżempju

Il-FLEX ġie mobilizzat għal żewġ inizjattivi leġiżlattivi ġodda: L-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA) (EUR 500 miljun) u l-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon (ASAP, EUR 343 miljun).

Il-proposta tal-Edirpa, proposta f'Lulju 2022 u adottata f'Ottubru 2023, ma semmietx tentattivi biex jintużaw it-tfaddil jew ir-riallokazzjonijiet biex żgur ikun hemm fondi għall-inizjattiva. Il-Kummissjoni attribwiet din l-ommissjoni għar-restrizzjonijiet ta' żmien u għall-ambitu limitat tal-Intestatura 5, "Sigurtà u Difiża".

Min-naħa l-oħra, l-ASAP, propost f'Mejju 2023 u adottat f'Lulju 2023, ġie ffinanzjat bl-użu ta' (i) riallokazzjonijiet taħt l-Intestatura 5 (EUR 260 miljun minħand il-Fond Ewropew għad-Difiża); (ii) parti mill-finanzjament miftiehem tal-Edirpa (EUR 43 miljun); u (iii) il-FLEX (EUR 40 miljun). Id-dokumenti ta' sostenn li rċevejna għal dan il-każ ma ċċarawx għaliex l-għażliet ta' riallokazzjoni użati għall-ASAP ma ntużawx qabel għall-Edirpa.

**92** Fl-istħarriġ tal-awditu li wettaqna, l-EP BUDG innota li l-Kummissjoni s-soltu kienet tipprovdi spjegazzjoni bażika ta' għażliet oħra ta' finanzjament eżaminati, iżda din ma kinitx tkun dettaljata u robusta u ma kinitx tispjega l-impatt fuq il-programmi li minnhom ikunu ttieħdu l-approprjazzjonijiet. Xi rispondenti mill-Kumitat tal-Baġit tal-Kunsill qalu li l-Kummissjoni dejjem (6 % tas-17 li rrispondew) jew normalment (47 % tas-17 li rrispondew) ipprovdiet din l-informazzjoni, filwaqt li oħrajn (47 % tas-17 li rrispondew) qalu li rari għamlet dan.

93 Barra minn hekk, l-analiżi li wettaqna tal-każijiet li ħadna bħala kampjun żvelat li l-ġustifikazzjoni tal-ammonti għall-finanzjament ta' ħtiġijiet ġodda ma kinitx ċara jew dettaljata biżżejjed fi 18 minn 20 każ li jinvolvu l-użu u l-mobilizzazzjoni ta' marġnijiet, l-istrumenti speċjali mhux tematiċi FLEX u SMI, u l-istrument speċjali tematiku EAR. Ma kinitx tinkludi l-kalkoli sottostanti ta' kif dawn l-ammonti ġew stmati u lanqas ma kienet tinkludi tqassim finanzjarju tal-attivitajiet speċifiċi li kellhom jiġu ffinanzjati. Fi 13-il każ, l-ammonti kienu marbuta ma' ftehimiet politiċi dwar il-finanzjament xieraq għall-ħtiġijiet ikkonċernati. Fil-ħames każijiet l-oħra, l-ammonti proposti kienu marbuta ma' avvenimenti skattaturi speċifiċi li kienu jirrikjedu t-tisħiħ ta' ċerti programmi tal-QFP, fl-oqsma tal-għajnuna umanitarja, tas-saħħa, u tal-protezzjoni ċivili.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla V, immexxija mis-Sur Jan Gregor, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-8 ta' Lulju 2025.

*Għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri*

Tony Murphy
*Il-President*

# Annessi

## Anness I – Dwar l-awditu

### Flessibbiltà fil-baġit tal-UE

01 L-UE tuża baġits fit-tul imsejħa oqfsa finanzjarji pluriennali (QFP). Dawn jipprovdu qafas stabbli biex tiżdied il-prevedibbiltà tal-finanzi tal-UE permezz ta' limiti annwali legalment vinkolanti ("limiti massimi"). Il-limiti massimi jiġu stabbiliti għad-dħul ("limitu massimu tar-riżorsi proprji") u għan-nefqa ("limitu massimu tal-QFP"), u għal kull kategorija ta' nfiq ("intestatura"). Wieħed mill-aktar aspetti diffikultużi ta' ppjanar finanzjarju pluriennali li jirnexxi huwa li jinstab bilanċ bejn l-istabbiltà u l-prevedibbiltà min-naħa l-waħda, u l-flessibbiltà min-naħa l-oħra[1].

02 Bħalissa, il-QFP ikopri perjodu ta' 7 snin, li huwa itwal milli fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-OECD, fejn l-oqfsa ta' nfiq fuq terminu ta' żmien medju jkopru massimu ta' bejn 3 u 5 snin[2]. Barra minn hekk, QFP ġdid jieħu diversi snin biex jitħejja. Il-Kummissjoni tqatta' madwar sena fuq it-tħejjija u jeħtiġilha tippreżenta l-proposta tagħha sentejn u nofs qabel ma jibda l-QFP[3].

1 How flexible is the EU budget? Flexibility instruments and mechanisms in the multiannual financial framework (MFF), Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, 2020.

2 Chapter 4 "Budgeting practices and procedures", Government at a glance, l-OECD, 2013.

3 L-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ir-Regolament dwar il-QFP 2021–2027).

03 Minbarra d-durata tal-QFP u l-użu tal-limiti massimi, diversi karatteristiċi oħra tal-baġit tal-UE joħolqu perċezzjoni ta' riġidità, pereżempju:

- il-baġit huwa marbut bil-prinċipji baġitarji stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE[4] u spjegati fir-Regolament Finanzjarju[5]. Prinċipji bħall-unità, l-annwalità u l-ispeċifikazzjoni jillimitaw il-possibbiltajiet tal-allokazzjoni ta' riżorsi addizzjonali u ċ-ċaqliq tal-allokazzjonijiet fi ħdan il-QFP;
- madwar żewġ terzi tal-baġit jiġi allokat minn qabel lill-Istati Membri[6]. Dan jillimita l-possibbiltà tal-Kummissjoni li tirrialloka l-infiq minn linja baġitarja għal oħra.

04 Fl-istess ħin, il-baġit jeħtieġ flessibbiltà biex jiġu ttrattati sfidi mhux mistennija — bħal kriżijiet u emerġenzi —– u prijoritajiet li jinbidlu. Il-QFP jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi u "strumenti speċjali" biex il-fondi jsiru disponibbli f'dawn iċ-ċirkustanzi. Dawn l-arranġamenti ta' flessibbiltà jagħmluha possibbli li jkun hemm deroga mil-limiti massimi vinkolanti tal-QFP u mill-prinċipji baġitarji bi-żieda tal-approprjazzjonijiet finanzjarji u ċ-ċaqliq tagħhom tul is-snin u l-intestaturi.

05 Id-diversi kriżijiet li affettwaw lill-UE fil-ftit snin li għaddew, b'mod partikolari l-isfidi ekonomiċi, migratorji, tas-sigurtà u tas-saħħa, id-diżastri naturali, il-gwerra, l-inflazzjoni, u l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-prijoritajiet politiċi emerġenti, ikkonfermaw il-ħtieġa ta' flessibbiltà fil-baġit tal-UE. B'rispons għal dawn l-iżviluppi, l-UE estendiet l-għodod ta' flessibbiltà tagħha kemm fil-QFP 2014–2020 kif ukoll fil-QFP 2021–2027. L-UE kompliet issaħħaħ is-sett ta' għodod ta' flessibbiltà tagħha fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP miftiehem fi Frar 2024[7].

06 Meta wieħed iħares lejn il-livell ġenerali ta' flessibbiltà tal-baġit, trid issir distinzjoni bejn l-istrumenti speċjali mhux tematiċi, flimkien mal-marġnijiet, u l-istrumenti speċjali tematiċi. Il-flessibbiltà tal-istrumenti speċjali tematiċi hija limitata mill-iskop ferm speċifiku tagħhom stess, filwaqt li l-istrumenti speċjali mhux tematiċi u l-marġnijiet mhumiex marbuta bi skop speċifiku.

[4] L-Artikolu 310 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE.

[5] L-Artikolu 6 tar-Regolament Finanzjarju.

[6] The EU's 2021-2027 long-term budget and NextGenerationEU, il-Kummissjoni Ewropea, 2021.

[7] L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2023/435.

## Rwoli u responsabbiltajiet

07 Il-*Figura 1* turi l-passi ewlenin fil-proċess ta' approvazzjoni għar-Regolament dwra il-QFP, kif ukoll il-baġits annwali u emendatorji.

## Figura 1 | Il-proċess ta’ approvazzjoni għar-Regolament dwar il-QFP u l-baġits annwali u emendatorji




*Sors:* il-QEA, abbażi tal-Artikoli 312, 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, l-Artikolu 21 tar-Regolament dwar il-QFP u l-iskeda ferrovjarja leġiżlattiva tal-Parlament.

08 Fir-rigward tal-arranġamenti speċifiċi għall-użu tal-għodod ta' flessibbiltà, id-deċiżjoni li jiġu mobilizzati strumenti speċjali tematiċi tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament u mill-Kunsill wara l-proposta tal-Kummissjoni għal trasferiment għal-linji baġitarji korrispondenti. Il-mobilizzazzjoni ta' strumenti speċjali mhux tematiċi u l-użu tal-marġnijiet jiġu deċiżi permezz tal-proċedura baġitarja li fil-qafas tagħha r-riżorsi addizzjonali jiġu assenjati lill-programm(i) rilevanti.

## L-ambitu u l-approċċ tal-awditjar

09 Permezz ta' dan l-awditu, ivvalutajna jekk l-għodod ta' flessibbiltà tal-baġit tal-UE għall-QFP 2021–2027 kinux imfassla tajjeb u jekk l-użu tagħhom kienx ġustifikat, u jekk ġiex evitat ir-riskju li l-għodod jintużaw b'mod eċċessiv matul l-ewwel snin tal-QFP. L-awditu ffoka fuq it-tfassil u l-mobilizzazzjoni tal-istrumenti speċjali tematiċi (il-FEG, is-SEAR u l-BAR) u dawk mhux tematiċi (l-SMI u l-FLEX) lil hinn mil-limitu massimu tal-QFP u l-użu tal-marġnijiet taħt il-limitu massimu tal-QFP fil-QFP kurrenti, li jkopri l-perjodu 2021–2024.

10 L-ambitu tal-awditjar eskluda r-Riżerva għall-Ukrajna u l-Istrument EURI billi kien kmieni wisq biex jiġi vvalutat kif jaħdmu fil-prattika. L-awditu lanqas ma kopra l-elementi strutturali li jipprovdu flessibbiltà taħt il-limiti massimi tal-QFP (trasferimenti, riporti, riżervi tal-programmi integrati eċċ.), billi dawn ma jżidux approprjazzjonijiet supplimentari mal-baġit adottat.

11 Analizzajna:

- id-dokumenti li fuqhom huwa bbażat il-QFP 2021–2027 u għodod ta' flessibbiltà individwali, ikkomplementati b'aktar dettalji mingħand intervisti mal-persunal tal-Kummissjoni;
- il-fasla tal-għodod (inklużi l-ammonti allokati) imqabbla mal-istandards internazzjonali tal-baġit pubbliku (fejn kien possibbli, minħabba n-natura unika tal-baġit tal-UE);
- ir-regoli u l-proċeduri tal-mobilizzazzjoni; u
- kampjun ta' 26 każ ta' mobilizzazzjoni/użu ta' għodod ta' flessibbiltà, li jammontaw għal total ta' kważi EUR 10 biljun, li jkopru kull pass mit-talba inizjali sad-deċiżjoni finali.

12 Il-preżentazzjoni taċ-ċifri dwar l-użu tal-marġnijiet u l-mobilizzazzjoni ta’ strumenti speċjali tirrifletti l-objettiv tal-awditjar tagħna li neżaminaw kif ħtiġijiet addizzjonali differenti ġew iffinanzjati mill-baġit tal-UE bl-użu ta’ dawn l-għodod. Bdejna bi ħtiġijiet reali li kienu jirrikjedu finanzjament u użajna dokumenti baġitarji biex niddeterminaw kif dawn il-ħtiġijiet ġew iffinanzjati mill-marġnijiet disponibbli u mill-istrumenti speċjali. Il-marġnijiet jiġu kkalkulati abbażi tad-differenza bejn il-limiti massimi tal-QFP adottati u n-nefqa pprogrammata, u jistgħu jinbidlu matul il-QFP minħabba aġġustamenti fil-programmazzjoni finanzjarja. It-tfaddil u bidliet oħra matul l-implimentazzjoni tal-baġit b’hekk iżidu l-marġnijiet disponibbli meta mqabbla mal-marġnijiet inizjali miftiehma mal-adozzjoni tar-Regolament dwar il-QFP. Qisna dawn il-marġnijiet “liberati” disponibbli biex jindirizzaw ħtiġijiet ġodda.

13 Biex nikkomplementaw is-sorsi ta’ informazzjoni msemmija hawn fuq, stħarriġna lir-rappreżentanti tas-27 Stat Membru tal-UE fil-Kumitat tal-Baġit tal-Kunsill, kif ukoll lill-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament, biex niksbu l-fehmiet tagħhom bħala l-awtorità baġitarja li tiddeċiedi dwar it-tfassil u l-użu ta’ dawn l-għodod. Irċevejna risposti mingħand ir-rappreżentanti ta’ 17-il Stat Membru fuq il-Kumitat tal-Kunsill u risposta waħda mingħand il-Kumitat tal-Parlament li tirrappreżenta l-fehmiet aggregati tal-membri tiegħu. Il-mistoqsijiet tal-istħarriġ koprew suġġetti bħax-xerqien tal-ammonti disponibbli għall-għodod ta’ flessibbiltà, il-kumplessità tal-qafas ta’ flessibbiltà, il-veloċità tal-proċeduri ta’ mobilizzazzjoni u s-suffiċjenza tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni fil-proċess deċiżjonali.

# Anness II – Rekwiżiti legali ewlenin

01 It-*Tabella 1* tippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-karatteristiċi ewlenin tal-għodod ta' flessibbiltà tal-baġit tal-UE koperti minn dan l-awditu, kif stabbilit fil-leġiżlazzjoni rilevanti.

## Tabella 1 | Ħarsa ġenerali lejn ir-rekwiżiti legali ewlenin għall-għodod ta' flessibbiltà

| Għodda ta' flessibbiltà | Skop | Regoli u bażi legali tal-mobilizzazzjoni/użu |
|---|---|---|
| **Marġnijiet** | L-ebda skop iddefinit. | Sa fejn ikun possibbli matul il-proċedura baġitarja u fiż-żmien meta jiġi adottat il-baġit ġenerali tal-Unjoni, iridu jitħallew biżżejjed marġnijiet disponibbli taħt il-limiti massimi għad-diversi intestaturi tal-QFP, ħlief għas-subintestatura "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali".<br>Bażi legali: il-paragrafu 7 tal-Ftehim Interistituzzjonali |
| **Strumenti speċjali mhux tematiċi** | | |
| **Strument ta' Marġni Uniku (SMI)** | Jippermetti li l-**marġnijiet disponibbli** taħt il-limiti massimi tal-QFP **jiġu mċaqilqa** bejn is-snin u bejn l-intestaturi tal-QFP. | Tliet partijiet:<br>(a) marġnijiet li jkunu għadhom disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' impenn fis-sena preċedenti;<br>(b) id-differenza bejn il-pagamenti esegwiti u l-limitu massimu tal-pagamenti tal-QFP fis-sena preċedenti; u<br>(c) bħala l-aħħar alternattiva, ammonti addizzjonali li jistgħu jsiru disponibbli jekk jitpaċew kontra l-marġnijiet għas-snin kurrenti jew futuri.<br>Ammonti massimi annwali:<br>o 0.04 % tal-ING tal-UE għall-approprjazzjonijiet ta' impenn<br>o 0.03 % tal-ING tal-UE għall-approprjazzjonijiet ta' pagament<br>o aġġustament massimu fiss tal-limitu massimu tal-pagamenti fil-perjodu 2025–2027<br>Bażi legali: l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-QFP. |
| **Strument ta' Flessibbiltà (FLEX)** | **Jiffinanzja nefqa speċifika mhux prevista** għal sena finanzjarja partikolari. | Ammonti massimi annwali:<br>o EUR 915-il miljun għall-perjodu 2021-2023;<br>o EUR 1 346 miljun għall-perjodu 2024–2027.<br>L-ammonti skaduti tas-SEAR jiġu ttrasferiti lill-FLEX.<br>L-ammonti mhux użati tal-FLEX jistgħu jintużaw sas-sena N+2.<br>Bażi legali: l-Artikolu 12 tar-Regolament dwar il-QFP. |
| **Strumenti speċjali tematiċi** | | |
| **Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)** | Jappoġġa trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi li jkunu r-riżultat tal-globalizzazzjoni u tal-bidliet teknoloġiċi u ambjentali billi **jgħin lill-ħaddiema ssensjati** u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet biex jadattaw għall-bidla strutturali. | Ammont massimu annwali: EUR 30 miljun.<br>Bażi legali: l-Artikolu 8 tar-Regolament dwar il-QFP.<br>Att legali addizzjonali: Ir-Regolament (UE) 2021/691 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati. |

| Għodda ta' flessibbiltà | Skop | Regoli u bażi legali tal-mobilizzazzjoni/użu |
|---|---|---|
| **Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR)** | Ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea: tipprovdi **assistenza għal rispons għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza** li jirriżultaw minn diżastri kbar koperti mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE). | Ammont massimu annwali: EUR 1 016-il miljun.<br>L-ammonti mhux użati tal-FSUE jistgħu jintużaw sas-sena N+1. 25 % tal-ammont annwali jrid jibqa' disponibbli fl-aħħar trimestru tas-sena.<br>Bażi legali: l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-QFP.<br>Att legali addizzjonali: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea |
| | Ir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (EAR): tipprovdi **risponsi rapidi għal ħtiġijiet speċifiċi ta' emerġenza** fl-Unjoni jew barra minnha wara avvenimenti imprevedibbli. | Ammont massimu annwali: EUR 508 miljun.<br>L-ammonti mhux użati tal-EAR jistgħu jintużaw sas-sena N+1.<br>Bażi legali: l-Artikolu 9 tar-Regolament dwar il-QFP. |
| **Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR)** | Tipprovdi assistenza biex **jiġu miġġielda l-konsegwenzi mhux previsti u negattivi fl-Istati Membri u s-setturi li huma milquta l-agħar mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE.** | Ammont totali massimu għall-QFP kollu: EUR 4 491 miljun<br>Bażi legali: l-Artikolu 10 tar-Regolament dwar il-QFP.<br>Att legali addizzjonali: Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit |

*Nota:* L-ammonti kollha huma bil-prezzijiet tal-2018.

*Sors:* il-QEA, abbażi tal-atti legali li għalihom issir referenza fit-tabella.

# Anness III – L-użu tal-għodod ta' flessibbiltà fil-perjodu 2021–2024

01 Analizzajna l-użu tal-għodod ta' flessibbiltà fil-perjodu mill-2021 sal-2024 (ara l-*Figura 1*). Xi wħud mill-għodod intużaw b'mod aktar intensiv milli oħrajn. B'mod partikolari, dawk bl-akbar domanda għalihom kienu s-SEAR u l-FLEX.

### Figura 1 | Il-FLEX u s-SEAR intużaw b'mod intensiv bejn l-2021 u l-2024




*Nota:* Iċ-ċifra turi l-marġnijiet totali effettivament disponibbli fil-perjodu 2021–2024. L-ammonti totali disponibbli għall-FLEX, għall-BAR, għall-FEG u għas-SEAR huma s-somma tal-allokazzjonijiet annwali għall-perjodu 2021–2024, inklużi l-bidliet fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP għall-2024.

*Sors:* il-QEA, abbażi tar-Regolament dwar il-QFP 2021–2027, dokumenti baġitarji u *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

### L-użu ta' marġnijiet u ta' strumenti speċjali mhux tematiċi

02 L-analiżi tal-użu tal-marġnijiet u l-għodod mhux tematiċi FLEX u SMI mill-2021 sal-2024 żvelat li l-marġnijiet intużaw bl-aktar mod intensiv fl-2022 meta bdiet il-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Id-domanda għall-SMI u l-FLEX żdiedet bil-bosta fl-2023 u fl-2024 minħabba inflazzjoni għolja li affettwat il-kostijiet amministrattivi tal-UE u l-kostijiet tal-imgħax tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) (ara l-*Figura 2*).

## Figura 2 | Mill-2021 sal-2024, il-marġnijiet u l-istrumenti speċjali mhux tematiċi akkomodaw dejjem aktar il-ħtiġijiet emerġenti




*Nota:* Iċ-ċifra turi l-marġnijiet totali effettivament disponibbli fil-perjodu 2021–2024. L-ammonti totali disponibbli fl-2024 jirriflettu l-bidliet tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP.

*Sors:* il-QEA, abbażi tar-Regolament dwar il-QFP 2021–2027, dokumenti baġitarji u *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

03 **Il-marġnijiet** ġew eżawriti f'oqsma ta' politika speċifiċi tal-QFP bi ħtiġijiet emerġenti akbar, filwaqt li oqsma oħra kellhom inqas domanda, b'marġnijiet pendenti li jikkontribwixxu għall-SMI. Il-***Figura 3*** turi li l-**marġnijiet** taħt l-Intestaturi 2b, 5 u 6 tal-QFP (reżiljenza u valuri, sigurtà u difiża, u azzjoni esterna) tnaqqsu b'mod konsistenti.

### Figura 3 | Il-marġnijiet disponibbli tnaqqsu b'mod konsistenti għall-oqsma ta' politika relatati mar-reżiljenza, mad-difiża u mal-azzjoni esterna

*(EUR miljun, prezzijiet kurrenti)*




*Sors:* il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni: The EU's 2021-2027 long-term budget and NextGenerationEU – Facts and figures, id-DĠ BUDG, 2021 (għall-marġnijiet annwali inizjali); aġġornament tekniku tal-ipprogrammar finanzjarju għall-perjodu 2026–2027 wara l-adozzjoni tal-baġit tal-2025 (għal marġnijiet aġġornati fil-perjodu 2021–2024 u marġnijiet indikattivi fil-perjodu 2025–2027).

**04** Taħt l-Intestatura 5 tal-QFP, il-marġnijiet tnaqqsu fil-perjodu 2023–2024 minħabba l-ħolqien tal-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (Edirpa) b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna. Taħt l-Intestatura 6, il-programmi ta' azzjoni esterna tal-UE kienu jeħtieġu tisħiħ minħabba bidla fil-prijoritajiet politiċi li jirrikjedu finanzjament ogħla biex jiġu appoġġati r-refuġjati Sirjani fit-Turkija u fil-pajjiżi ġirien għall-perjodu 2021–2024. L-użu sinifikanti tal-marġnijiet taħt intestaturi oħra kien dovut għal żieda fil-kostijiet tas-self għall-EURI (l-Intestatura 2b), appoġġ għas-sistemi ta' akkoljenza għan-nies li kienu qed jaħarbu mill-Ukrajna (l-Intestatura 4), u l-impatt tal-inflazzjoni fuq in-nefqa amministrattiva (l-Intestatura 7).

05 L-**SMI** ġie mobilizzat biss fl-2023 u fl-2024. Madankollu, kull darba li ntuża, l-ammonti kienu sinifikanti, b'medja ta' madwar EUR 200 miljun. Sittin fil-mija tal-ammont totali tal-SMI ġew mobilizzati biex jindirizzaw iż-żidiet fin-nefqa pprogrammata meta mqabbla mal-istimi inizjali kkawżati miż-żieda qawwija fl-inflazzjoni: (i) in-nefqa għall-kostijiet tal-imgħax għall-fondi mislufa fis-swieq kapitali għall-finanzjament tal-EURI; u (ii) in-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet tal-UE. Każijiet oħra ta' mobilizzazzjoni kienu marbuta ma' ftehimiet politiċi biex jissaħħu l-azzjonijiet ta' migrazzjoni u ta' għajnuna umanitarja.

06 Id-domanda għall-**FLEX** ma kinitx lineari. Dan intuża b'mod moderat fl-2021 u fl-2022, b'finanzjament riportat għas-snin sussegwenti. Id-domanda mbagħad żdiedet bil-bosta fl-2023 u fl-2024, għalkemm il-FLEX qatt ma ġie eżawrit kompletament.

07 B'mod simili għall-SMI, l-iskop prinċipali tal-mobilizzazzjoni tal-FLEX (45 %) kien li jindirizza ż-żieda fil-kostijiet tal-imgħax tal-EURI li rriżultat miż-żieda fl-inflazzjoni. Barra minn hekk, 25 % tal-fondi ġew mobilizzati għall-għajnuna umanitarja, u 14 % intużaw biex jiġu indirizzati l-kriżi tal-COVID-19 u d-diżastri naturali. Il-bqija tal-ammonti (16 %) ġew mobilizzati għal prijoritajiet politiċi ġodda u għat-tisħiħ tal-programmi tal-QFP.

### L-użu ta' strumenti speċjali tematiċi

08 L-analiżi tal-konsum tal-istrumenti speċjali tematiċi wriet li l-istrumenti speċjali tematiċi **BAR** u **FEG** ma ntużawx biżżejjed, filwaqt li s-**SEAR**, li tinkludi l-FSUE u l-EAR, intużat kollha kull sena mill-2021 sal-2023 qabel ma ġew introdotti bidliet fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP tal-2024 (ara l-*Figura 4*).

## Figura 4 | Il-BAR u l-FEG ma ntużawx biżżejjed iżda kien hemm domanda għolja għas-SEAR fil-perjodu 2021–2024




*Nota:* l-ammonti totali disponibbli fl-2024 jirriflettu l-bidliet tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP. L-ammont tal-BAR ttrasferit lejn ir-REPowerEU fl-2023 jinkludi ammonti mħallsa bħala prefinanzjament lill-Istati Membri fl-2021 (EUR 123 miljun) u fl-2022 (EUR 335 miljun). Dawn l-ammonti huma esklużi mill-ammonti disponibbli u dawk użati fl-2021 u fl-2022.

*Sors:* il-QEA, abbażi tar-Regolament dwar il-QFP 2021–2027, dokumenti baġitarji u *data* pprovduta mill-Kummissjoni.

**09** Sal-2023, il-Kummissjoni kienet żborżat EUR 2.8 biljun fi prefinanzjament lil 17-il Stat Membru li applikaw għall-appoġġ tal-BAR, filwaqt li 10 Stati Membri ma applikawx. Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-progress tal-implimentazzjoni tal-BAR f'Ġunju 2024 issenjala dewmien u semma raġunijiet bħar-rekwiżit li l-Istati Membri juru rabta ċara mal-Brexit għall-miżuri appoġġati. Barra minn hekk, il-kapaċità tal-amministrazzjoni nazzjonali kienet taħt pressjoni minħabba n-negozjati dwar il-pjanijiet nazzjonali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni. Sussegwentement, emenda għar-Regolament dwar il-BAR[1] ippermettiet lill-Istati Membri jittrasferixxu fondi tal-BAR mhux użati għar-REPowerEU. Fil-bidu tal-2023, 23 Stat Membru użaw din l-opzjoni, għal ammont totali ta' EUR 2.1 biljun.

[1] L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2023/435.

10 L-użu tal-**FEG** kien baxx minkejja l-ambitu mwessa' tiegħu fil-QFP 2021–2027, u l-ammonti tal-FEG tnaqqsu fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP.

11 Id-domanda intensiva għas-**SEAR**, li tinkludi l-FSUE u l-EAR, enfasizzat ħtiġijiet akbar marbuta mal-iskop ta' dawn l-għodod: l-okkorrenza u l-iskala tad-diżastri naturali (FSUE), u l-kriżi umanitarja fil-viċinat tal-UE u l-emerġenzi minħabba l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna (EAR).

# Abbrevjazzjonijiet

**AMIF:** Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni

**ASAP:** Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon

**BAR:** Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit

**BMVI:** Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi

**DĠ BUDG:** Id-Direttorat Ġenerali għall-Baġit tal-Kummissjoni Ewropea

**EAR:** Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza

**EDIRPA:** Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni

**EP BUDG:** Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew

**EURI:** Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru

**FEG:** Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

**FEŻR:** Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

**FLEX:** Strument ta' Flessibbiltà

**FSE:** Fond Soċjali Ewropew

**FSE+:** Fond Soċjali Ewropew Plus

**FSUE:** Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea

**NDICI – Ewropa Globali:** Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali

**OECD:** Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi

**PPPAs:** Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

**QFP:** Qafas finanzjarju pluriennali

**SEAR:** Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza

**SMI:** Strument ta' Marġni Uniku

# Glossarju

**Approprjazzjoni:** Ammont imwarrab f'baġit għal skop speċifiku. Il-baġit tal-UE jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn u approprjazzjonijiet ta' pagament.

**Awtorità baġitarja:** Terminu użat biex jirreferi għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea meta dawn ikunu qed jeżerċitaw is-setgħat deċiżjonali tagħhom fuq kwistjonijiet baġitarji tal-UE.

**Baġit:** Dikjarazzjoni tad-dħul u tan-nefqa pproġettati li jkopru perjodu fiss.

**Faċilità għall-Ukrajna:** Strument tal-UE għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja.

**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali:** Fond tal-UE li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-UE billi jiffinanzja investimenti biex jonqsu l-iżbilanċi bejn ir-reġjuni.

**Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni:** Fond stabbilit biex jappoġġa lill-ħaddiema ssensjati u lil dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet minħabba l-globalizzazzjoni u minħabba bidliet teknoloġiċi u ambjentali.

**Fond Soċjali Ewropew Plus:** Fond tal-UE għall-politiki tal-impjiegi, soċjali, tal-edukazzjoni u tal-ħiliet, inklużi r-riformi strutturali f'dawn l-oqsma. Preċedut mill-Fond Soċjali Ewropew.

**Fond Soċjali Ewropew:** Fond tal-UE għall-ħolqien ta' opportunitajiet edukattivi u ta' impjieg kif ukoll għat-titjib tas-sitwazzjoni ta' persuni li jkunu jinsabu f'riskju ta' faqar. Sostitwit mill-Fond Soċjali Ewropew Plus.

**Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea:** Fond li jappoġġa lill-Istati Membri tal-UE u lill-pajjiżi ta' adeżjoni fir-rispons għal diżastri naturali u emerġenzi tas-saħħa pubblika.

**Marġni Globali għall-Impenji:** Strument speċjali tal-UE mill-QFP 2014–2020 li jippermetti li fil-baġit jiġu inklużi approprjazzjonijiet ta' impenn mhux użati mis-snin preċedenti.

**Marġni ta' Kontinġenza:** Strument speċjali tal-UE mill-QFP 2014–2020 li jippermetti finanzjament tal-aħħar istanza b'reazzjoni għal ċirkustanzi mhux previsti billi jippermetti l-inklużjoni fil-baġit ta' approprjazzjonijiet mhux użati taħt intestatura waħda jew aktar tal-QFP mis-snin finanzjarji kurrenti jew futuri.

**Marġni:** Id-differenza bejn il-limiti massimi stabbiliti fil-qafas finanzjarju pluriennali u n-nefqa ppjanata.

**Qafas finanzjarju pluriennali:** Il-pjan ta’ nfiq tal-UE li jistabbilixxi prijoritajiet (abbażi tal-objettivi ta’ politika) u limiti massimi, ġeneralment għal 7 snin. Huwa jipprovdi l-istruttura li fi ħdanha jiġu stabbiliti l-baġits annwali tal-UE, u jillimita l-ammont li jintefaq għal kull kategorija ta’ nefqa.

**Regolament Finanzjarju:** Regoli li jirregolaw il-mod kif il-baġit tal-UE jiġi stabbilit u użat, kif ukoll il-proċessi assoċjati bħall-kontroll intern, ir-rappurtar, l-awditjar u l-kwittanza.

**REPowerEU:** Inizjattiva tal-UE biex tintemm id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, jiġu ddiversifikati l-provvisti tal-enerġija u tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

**Riżerva għall-Ukrajna:** Strument speċjali tal-UE li jista’ jintuża biex jiffinanzja l-Faċilità għall-Ukrajna.

**Riżerva ta’ Aġġustament għall-Brexit:** Fond biex jgħin lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-industriji li ntlaqtu l-aktar mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, jindirizzaw il-konsegwenzi negattivi tiegħu.

**Riżerva ta’ Għajnuna f’Emerġenza:** Fondi fil-baġit tal-UE li jitwarrbu biex jingħata rispons għal kriżijiet umanitarji u ċivili mhux previsti fl-UE jew barra mit-territorju tal-UE.

**Riżerva ta’ Solidarjetà Ewropea:** Strument speċjali tal-UE li jista’ jintuża biex jiffinanzja assistenza b’rispons għal emerġenzi li jirriżultaw minn diżastri kbar koperti mill-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

**Riżerva ta’ Solidarjetà u Għajnuna ta’ Emerġenza:** Strument speċjali tal-UE għar-rispons għal sitwazzjonijiet ta’ emerġenza li jirriżultaw minn diżastri naturali maġġuri, kriżijiet tas-saħħa pubblika u kunflitti armati.

**Strument speċjali:** Għodda li tippermetti li l-UE timmobilizza fondi addizzjonali lil hinn mil-limiti massimi tan-nefqa regolari tagħha b’rispons għal avvenimenti mhux previsti bħal kriżijiet u emerġenzi.

**Strument ta’ Flessibbiltà:** Sors ta’ finanzjament għal nefqa speċifika mhux prevista li ma tkunx tista’ tiġi koperta mill-baġit annwali tal-UE mingħajr ma jinqabżu l-limiti massimi korrispondenti tan-nefqa.

**Strument ta’ Marġni Uniku:** Strument speċjali tal-UE li jippermetti li fil-baġit jiġu inklużi approprjazzjonijiet mhux użati mis-snin preċedenti jew, meta ma jkunx hemm triq oħra, mis-sena kurrenti u minn snin futuri.

**Strument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali:** Programm tal-UE taħt il-qafas finanzjarju

pluriennali 2021–2027 li jikkombina diversi strumenti ta’ azzjoni esterna fi strument wieħed.

**Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru:** Pakkett ta’ finanzjament biex jgħin lill-Istati Membri tal-UE jirkupraw mill-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19, prinċipalment permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Magħruf ukoll bħala NextGenerationEU.

**Strument EURI:** Strument speċjali tal-UE li jista’ jintuża biex jiffinanzja parti mill-kostijiet tal-pagamenti dovuti għal fondi mislufa fis-swieq kapitali għall-finanzjament tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru.

# Risposti tal-Kummissjoni

https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR-2025-18

# Kronoloġija

https://www.eca.europa.eu/mt/publications/SR-2025-18

# Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla V tal-Awditjar — Finanzjament u amministrazzjoni tal-Unjoni, li hija mmexxija minn Jan Gregor, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Jorg Kristijan Petrovič, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Martin Puc, Kap tal-Kabinett u Mirko Iaconisi, Attaché tal-Kabinett; Bogna Kuczyńska, Maniġer Prinċipali; Ilze Ozola, Kap tal-Kompitu; Diana Voinea, Miguel Ferrão u Thomas Frappaz, Awdituri. Jesús Nieto Muñoz ipprovda appoġġ grafiku.



*Mix-xellug għal-lemin:* Thomas Frappaz, Jesús Nieto Muñoz, Martin Puc, Ilze Ozola, Jorg Kristijan Petrovič, Diana Voinea, Bogna Kuczyńska, Miguel Ferrão u Mirko Iaconisi.

# DRITTIJIET TAL-AWTUR

© Unjoni Ewropea, 2025

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti tal-persunal tal-QEA, jew jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Ritratt fuq il-paġna tal-qoxra: © stock.adobe.com/luzitanija.

Figura 1 — Ikoni tad-dar: © stock.adobe.com/Jahura.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, dawn, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

**Użu tal-logo tal-QEA**

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.



| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| HTML | ISBN 978-92-849-5549-7 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/6650922 | QJ-01-25-043-MT-Q |
| PDF | ISBN 978-92-849-5550-3 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/6953119 | QJ-01-25-043-MT-N |

# KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 18/2025: "Flessibbiltà tal-baġit tal-UE — Permezz tagħha, sfidi mhux previsti setgħu jiġu indirizzati, iżda l-qafas huwa kumpless wisq", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

**L-UE tuża baġits fit-tul, li bħalissa jkopru 7 snin, magħrufa bħala oqfsa finanzjarji pluriennali (QFP). Dan l-awditu ffoka fuq l-għodod ta' flessibbiltà li jippermettu lill-baġit tal-UE jiffinanzja nefqa addizzjonali fil-QFP 2021–2027. Ivvalutajna jekk dawn l-għodod kinux imfassla tajjeb, u jekk l-użu tagħhom kienx ġustifikat biex jiġi evitat ir-riskju li jintużaw b'mod eċċessiv matul is-snin inizjali tal-QFP. Sibna li, minkejja użu intensiv, il-flessibbiltà tal-baġit ippermettiet lill-UE tirrispondi għal firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet. Madankollu l-qafas ta' flessibbiltà huwa kumpless wisq, b'bosta għodod ta' li jirkbu fuq xulxin u li jonqoshom prijoritizzazzjoni ċara. Nirrakkommandaw li l-Kummissjoni: tappoġġa aħjar it-teħid ta' deċiżjonijiet għat-tfassil tal-qafas ta' flessibbiltà, tipproponi li dan jiġi simplifikat, u ttejjeb il-proċeduri biex l-alternattivi jiġu eżaminati qabel ma jiġi propost l-użu ta' għodod ta' flessibbiltà.**

*Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.*

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Media soċjali: @EUauditors